repubblika

A CIVIL SOCIETY MOVEMENT

# *Riforma tal-Kostituzzjoni ta' Malta:*
# Rakkomandazzjonijiet dwar Proċedura għall-Konsiderazzjoni u l-Approvazzjoni t'Emendi għall-Kostituzzjoni

Imħejjija minn Repubblika

1 ta' Marzu 2019

# Werrej

**Werrej** 2

**Skop** 4

**Studji tal-Każ** 7

**Struttura** 10

**1. Il-prinċipji li għandhom jiggwidaw il-proċess ta' riforma** 11

I. Il-Kostituzzjoni għandha tkun emendata u mhux mibdula 11

II. Il-bidla fil-Kostituzzjoni m'għandhiex issir f'forma ta' pakkett iżda għand tkun imqassma skont temi 11

III. Tibdiliet li waħedhom jistgħu jżidu l-poteri tal-Eżekuttiv għandhom jiġu adottati flimkien ma' tibdiliet li jillimitawhom 13

IV. Il-proċess tad-disinn għandu jkun trasparenti 13

V. Kull bidla proposta għandha tkun ikkunsidrata skont ir-raġunijiet favur u kontra li tiġi adottata 14

VI. Riforma Kostituzzjonali bla limitu ta' żmien 15

**2. Atturi bi rwol fil-proċess tar-riforma** 16

I.Il-Parlament 16

II. Il-Partiti Politiċi 17

III. L-Istituzzjonijiet 17

IV. Il-Korpi kostitwiti 18

V. Is-settur mhux governattiv 18

VI. L-Esperti 19

VII. Iċ-ċittadini 19

**3. Proċeduri li jiżguraw kunsens għar-riforma** 21

a. Il-qafas preżenti 21

b. Qafas propost 22

1. Fażi t'abbozzar 23

I. Grupp ta' Ħidma Parlamentari 23

II. Forum t'Esperti 24

III. Grupp Rappreżentattiv għas-Soċjeta' Ċivili 25

IV. Ġurija taċ-Ċittadini 26

V. Kumitat ta' Governanza tar-Riforma 28

2. L-Istadju ta' Referendum 29

3. Approvazzjoni mill-Parlament 30

**4. Rakkomandazzjonijiet dwar l-involviment tal-komunità** **32**

**5. Qafas Leġislattiv** **34**

**Ness A** **37**

**Ness B** **38**

Organizzazzjonijiet eżistenti fil-MEUSAC 38

Organizzazzjonijiet rappreżentati fil-Core Group tal-MEUSAC 42

# Skop

Dan il-Memorandum joffri l-proposti ta' Repubblika għal proċedura għar-riforma Kostituzzjonali. Dan id-dokument la jagħmel analiżi dwar id-dgħjufijiet li jeżistu bħalissa fil-Kostituzzjoni, liema dgħjufijiet Repubblika tixtieq li jinstab rimedju għalihom, u lanqas ma joħroġ b'rakkomandazzjonijiet dwar tibdiliet konkreti. L-organizzazzjoni tagħna bi ħsiebha titkellem dwar dawn it-temi fil-ġejjieni.

Minħabba l-importanza fundamentali tal-Kostituzzjoni, jeħtieġ li Repubblika tippreżenta r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi tagħha dwar il-proċedura li għandha tkun segwita. M'huwiex il-ħsieb tagħna li noħolqu dubji dwar l-awtorità li għandu l-Parlament, kif ukoll l-istess Membri eletti fi ħdanu, li jwettqu tibdiliet fil-Kostituzzjoni. Il-Kostituzzjoni nnifisha tippermetti li jkun hemm tibdiliet f'dawk il-klawsoli li huma *entrenched* permezz ta' proċedura stabilita. Il-fatt li m'huwiex biżżejjed li tgħaddi liġi mill-Parlament biex jiġu emendati dawn il-klawżoli jfisser li l-Kostituzzjoni hi meqjusa bħala "liġi bażika" li tgħodd aktar mis-sovranità tal-istituzzjonijiet, kompriża dik tal-Parlament.

Bis-saħħa tal-fatt li, biex jiġu emendati dawn il-klawsoli, jkun meħtieġ il-kunsens ta' mill-inqas żewġ terzi tal-Membri tal-Parlament, dawn l-istess Membri jkun meħtieġa li jagħmlu sforz akbar mis-soltu biex jilħqu ftehim bejniethom. Liġi bażika lanqas maġġoranza eletta m'għandu jkollha s-saħħa li tibdilha.

Bħala liġi bażika, l-Kostituzzjoni tistabilixxi r-regoli fundamentali. Iżda mhux biss. Din tidentifika wkoll il-limiti għas-setgħa li tkun ġiet mislufa lil kull min ikollu xi awtorità - kemm jekk ikun elett kif ukoll jekk ikun maħtur - u dan sabiex, minn banda, jiġi żgurat li min ikollu l-awtorità, ikollu wkoll biżżejjed poteri biex ikun jista' jaqdi d-dmirijiet legali tiegħu u, mill-banda l-oħra, ma jingħatax setgħat li ma jkunux meħtieġa biex tkun tista' tinqeda' l-komunità.

Il-Kostituzzjoni toħloq ukoll bilanċ bejn l-interessi tal-komunità - ħafna drabi kif espressa mir-rieda tal-maġġoranza f'elezzjoni - u d-drittijiet fundamentali ta' kull individwu.

Din hi r-raġuni għaliex, skont il-Kostituzzjoni, l-maġġoranza ma tistax legalment toħnoq id-drittijiet ta' individwu anki jekk id-dritt ta' persuna waħda jkunu f'kunflitt mal-interessi tal-kotra jew anki ta' kulħadd.

F'soċjetà polarizzata bħalma hi tagħna - ħlief f'okkażjonijiet rari - l-ixkaffa ta' żewġ terzi tal-Parlament dejjem kienet għolja wisq. X'aktarx li din hi r-raġuni wara l-fatt li qatt ma sar biżżejjed tiġdid fil-klawsoli tal-Kostituzzjoni tal-1964 u l-esperjenza li akkwistajna minn dak iż-żmien 'l hawn ma infurmatx biżżejjed l-iżvilupp tal-liġi bażika.

Għalina r-rieda li jidher li qed juru l-partiti rappreżentati fil-Parlament biex jiddjalogaw u biex jaslu għal ftehim mhux biss hija element meħtieġ biex jingħeleb l-ostaklu tal-vot taż-żewġ terzi. Hija wkoll ħaġa pożittiva u deżiderabbli li tista' ssib xi forma t'eredita' pożittiva tal-kriżi li l-pajjiż jinsab għaddej minnha bħalissa.

Madankollu Repubblika jidhrilha li, għalkemm il-ħolqien ta' kunsens fil-Parlament tagħna jista' jwassal għat-tibdiliet fil-Kostituzzjoni - u dan minnu nnifsu jkun żvilupp pożittiv - għall-ħarsien tad-demokrazija ma jkunx biżżejjed jekk iż-żewġ partiti l-kbar igħaddu biex jemendaw il-Kostituzzjoni bis-saħħa biss ta' dan il-kunsens.

Ġaladarba qed nitkellmu hawn dwar il-klawżoli tal-Kostituzzjoni, jidhrilna li għandna l-ewwel ngħarblu l-proċess li permezz tiegħu dawn ikunu jistgħu jinbidlu. Kemm-il darba dawk il-klawżoli, li sal-lum għadhom kunsidrati bħala klawżoli kostituzzjonali validi, issa qed jiġu kunsidrati bħala klawżoli li għandhom jiġu emendati, m'hemm ebda raġuni għala l-proċeduri li jirregolaw dan it-tibdil m'għandhomx ukoll jiġu eżaminati.

Il-Kostituzzjoni għalhekk hija l-liġi bażika li tfisser b'mod effettiv dawk ir-regoli li ma jistgħu jinbidlu qatt. Tillimita s-setgħat tal-gvern, b'mod partikolari fuq l-uffiċjali eletti u fuq il-fergħa eżekuttiva tiegħu u sservi ta' garanzija għad-drittijiet ta' dawk l-individwi f'minoranza li m'għandhomx is-setgħa li jinfluwenzaw il-proċess li permezz tiegħu tista' tinbidel jew tiddgħajjef dik il-garanzija. Għar-raġuni li l-Kostituzzjoni hi liġi ta' natura eċċezzjonali, jidhrilna li l-ħolqien tal-kunsens bejn il-partiti huwa biss element wieħed li għandu jkun hemm qabel il-Parlament - fergħa oħra tal-gvern - igħaddi biex iwettaq kull tibdil propost.

Kif isostnu dawk li huma favur tibdil Kostituzzjonali, jista' jkun li dawk ir-regoli kollha li fl-1964 (jew minn dakinhar 'l hawn) kienu kunsidrati bħala adegwati biex isostnu tifsira li dak iż-żmien kienet tingħata lid-demokrazija, m'għadhomx igħoddu għall-eżiġenzi tal-lum.

Din il-linja ta' ħsieb x'aktarx se tixpruna l-appoġġ għat-tibdiliet proposti. Nieħdu eżempju: fl-1964 jista' jkun li kienet ħaġa minn ewl id-dinja li l-Avukat Ġenerali jingħata l-awtonomija f'dawk li huma prosekuzzjonijiet kriminali u fl-istess waqt jitgħabba bir-responsabbiltà li jagħti pariri legali lill-eżekuttiv. Illum hawn min isostni li s-separazzjoni bejn il-funzjoni ġudizzjarja u eżekuttiva tal-istat tiġġustifika wkoll li dawn ir-rwoli dupliċi tal-Avukat Ġenerali jiġu separati wkoll. Dan ma jfissirx li fl-1964 konna ħadna falza stikka. Lanqas ma jfisser li illum qed nieħdu falza stikka wkoll. Madankollu l-aspettattivi tal-lum jistgħu jservu ta' ġustifikazzjoni għal dan it-tibdil.

Jidhrilna wkoll li, għalkemm fl-1964 il-klawżola li tirregola t-tibdil fil-Kostituzzjoni setgħet kienet kunsidrata bħala waħda adegwata, jidher li llum teżisti fehma li, biex verament isseħħ id-demokrazija, mhux biżżejjed li jiġu mgħoddija liġijiet mill-Parlament u li jkun jeħtieġ is-sehem sħiħ tas-soċjetà ċivili.

Barraminhekk, ġaladarba qegħdin nikkunsidraw ir-rwol tas-soċjetà ċivili fil-kuntest tal-mod kif hi mfissra d-demokrazija llum, jidhrilna li għandna għal darb'oħra nenfasizzaw li proċess li ma jagħtix biżżejjed spazju għall-iskrutinju tal-mezzi tax-xandir indipendenti u għall-inizjattiva u l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, jispiċċa biex ikun wieħed anti-demokratiku, ikun kemm ikun konformi mal-qafas Kostituzzjonali li għandna.

Din kienet waħda mill-osservazzjonijiet ewlenin li għamlet il-Kummissjoni ta' Venezja meta ttrattat dwar id-dgħjufijiet tas-sistema tagħna.

F'laqgħa introduttorja li kellna mal-membri tal-Kumitat ta' Tmexxija tħassibna meta dawn qalulna li ma kienx bi ħsiebhom jiddjalogaw mal-mezzi tax-xandir indipendenti u ser jevitaw l-iskrutinju tal-ġurnalisti u dan għaliex, skont huma, l-mezzi tax-xandir m'humiex kapaċi li jinterpretaw sewwa l-isforzi tal-partiti politiċi.

Ninsabu mħassba wkoll għall-fatt li mhux qed tingħata attenzjoni speċifika lil dak il-komponent tas-soċjetà ċivili li jinsab iffokat esklussivament fuq kwistjonijiet ta' governanza tajba, d-drittijiet tal-bniedem u t-tisħiħ tad-demokrazija. Nittamaw li jinstab rimedju għal dan u li m'hemm ebda ħsieb li titnaqqas l-influwenza tas-soċjetà ċivili, billi jiddgħajjef leħen dawk l-għaqdiet li għandhom interess li jħarsu qasam speċifiku.

L-iskop wara dan il-Memorandum m'huwiex li jġiegħel lill-Kumitat ta' Tmexxija li jwarrab jew li jissostitwixxi dawk il-proċeduri li ħoloq, liema proċeduri ġew spjegati lilna f'laqgħa li saret fit-18 ta' Frar 2019 fir-residenza tal-President ta' Malta. L-iskop tagħna huwa biss li nipproponu l-metodi li permezz tagħhom dawk il-proċeduri jistgħu jiġu miżjuda u dan sabiex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni sħiħa tas-soċjetà ċivili li hi għodda ta' azzjoni demokratika li tikkumplimenta, mingħajr ma tisfida, s-supremazija tal-Parlament.

M'għandniex xi ngħidu, proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jkun aktar dettaljat u strutturat x'aktarx iżid il-piżijiet amministrattivi kif ukoll l-ispejjeż. Jidhrilna però li m'għandhiex tinqala' kontroversja kemm-il darba, wara kważi sittin sena, pajjiż li jkun ser jibda jirrevedi l-qafas Kostituzzjonali jaħseb ukoll għal riżorsi adegwati biex b'hekk il-proċess ta' tibdil isir bis-serjetà kollha li jkun ħaqqu.

Is-sostenibilità ta' dan il-proċess m'għandha qatt tiġi sagrifikata minħabba konsiderazzjonijiet mhux f'lokhom ta' awsterità.

Għaldaqstant jidhrilna li l-pajjiż għandu jniedi proċess ta' riforma li jkun wieħed galbat u armat bl-għodda kollha meħtieġa biex jiġi żgurat l-impenn mill-aktar wiesa' mill-livelli kollha tal-komunità.

# Studji tal-Każ

F'xi partijiet tat-test ta' dan id-dokument inkludejna insets b'noti fil-qosor minn studji tal-każ ta' inizjattivi oħra ta' riformi kostituzzjonali f'pajjiżi oħra.

In-noti bl-ebda mod ma huma eżawrjenti u lanqas ma huma frott riċerka oriġinali. Inkludejniehom biex nindikaw is-sorsi ta' ispirazzjoni ta' wħud mill-ideat inklużi f'dan id-dokument, kemm bħala esperjenzi negattivi u twissijiet kontra l-iżbalji kif ukoll bħala mudelli tal-aħjar prassi.

Bla dubju nikkunsidraw li m'hemm l-ebda esperjenza unika, irnexxiet kemm irnexxiet, li tista' tiġi iżolata mill-kuntest storiku, mill-kuntest tal-kultura politika u mill-kuntest tal-persuni kkonċernati li tista' tiġi ttrapjantata f'kuntest ieħor u tagħti l-istess riżultati.

Imma dan l-eżerċizzju joħroġ ċerti mudelli li nsibuhom sinjifikanti.

Fil-prinċipju l-inizjattivi kostituzzjonali li jkunu l-prodott ta' negozjati fil-magħluq bejn mexxejja politiċi u nies fil-poter, ikun xi jkun l-għan iddikjarat tagħhom, iwasslu biex l-influwenza u l-kontroll jiġu kkonsolidati minn dawk li jkollhom il-poter f'idejhom.

Dan jgħodd b'mod speċjali f'kuntest ta' eċitament popolari fejn il-mexxejja politiċi jisfruttaw votazzjonijiet popolari biex isaħħu l-ħatfa tagħhom tal-poter bil-leġittimità xejn soda tal-appoġġ popolari tal-mument.

Rajna sinjali fil-kuntest lokali li huma indikattivi ferm ta' din l-istrateġija u nazzardaw inwissu kontra riforma Kostituzzjonali li tkompli tikkonċentra l-poter - meta l-isfida ewlenija tal-mod kif qegħdin l-affarijiet bħalissa, kif spjegat tant tajjeb mill-Kummissjoni Venezja, hija tabilħaqq il-konċentrazzjoni eċċessiva tal-poter f'idejn il-Kap Eżekuttiv.

Mudell storiku ieħor huwa li l-inizjattivi minn isfel għal fuq li jkunu l-mutur tat-tibdil kostituzzjonali għandhom it-tendenza li jiġu wara xi taqliba politika jew avveniment trawmatiku. Bħala eżempju nistgħu nsemmu l-proċess fl-Iżlanda li ġie eżatt wara l-kriżi tal-2008. Madankollu dan mhux xi proċess ġdid u l-Kostituzzjoni tal-Italja ta' wara l-gwerra u l-inizjattivi Kostituzzjonali li ġew wara l-Gwerra għall-Indipendenza Amerikana u r-Rivoluzzjoni Franċiża fl-istadji numerużi tagħha sal-1871, kienu wkoll ir-riżultati ta' bini ta' nazzjon wara trawma.

Bil-kontra tal-esperjenza tas-Slovakkja fejn wara l-assassinju ta' Jan Kuciak ġie mmobilizzat moviment fil-livell taċ-ċittadini li għadu qed jimbotta bis-serjetà għall-bidla, l-esperjenza ta' Malta wara l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia kienet ħafna aktar kwieta.

Madankollu l-assassinju ta' ġurnalista li l-missjoni ċentrali ta' ħajjitha kienet li tesponi u tiddokumenta l-fallimenti istituzzjonali - istess fallimenti li din ir-riforma tixtieq tindirizza - f'dinja normali għandu jiġi ddefinit bħala mument ta' kriżi tad-demokrazija, u wieħed ċar daqs il-kristall.

Superfiċjalment, il-proċess tar-riforma preżenti huwa ggalvanizzat mill-qtil ta' Daphne Caruana Galizia. L-ebda waħda minn dawn il-kwistjonijiet ta' sustanza li qed jiġu diskussi bħalissa ma hija ġdida jew skoprejnieha issa. Il-membri kollha tal-Kumitat ta' Tmexxija f'aktar minn okkażjoni waħda u b'livelli differenti ta' enfasi, f'xi punt jew ieħor, irrikonoxxew il-ħtieġa ta' riforma.

Għaliex se nimbarkaw b'tant ħerqa fuq programm ta' riformi proprju issa?

Bl-istess mod, mal-ewwel daqqa t'għajn, il-passi storiċi li osservajna huma li wara l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa ħatret rapporteur biex jinvestiga l-kuntest tal-assassinju. Kemm il-proposta għall-ħatra ta' rapporteur kif ukoll l-identità tar-rapporteur magħżul iffaċċjaw l-oġġezzjoni tal-gvern.

Meta kien qed jirrapporta quddiem il-kumitat tal-Ġustizzja tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, ir-rapporteur Pietr Omtzigt irrakkomanda li l-Kunsill jitlob il-parir tal-Kummissjoni Venezja dwar l-istat attwali f'Malta wara li fil-missjoni tiegħu sab li jidher li hemm dgħufijiet kostituzzjonali u istituzzjonali li ma jistgħux jiġu injorati jekk wieħed irid jifhem xi jfisser l-assassinju ta' ġurnalist f'Malta.

Wara din it-talba il-gvern ukoll talab lill-Kummissjoni Venezja tagħmel ir-rieżami tagħha.

Meta r-rieżami tlesta, kemm il-gvern kif ukoll l-oppożizzjoni esprimew sodisfazzjon bil-konklużjonijiet tal-Kummissjoni Venezja u reġgħet ingħatat il-ħajja inizjattiva tal-gvern li kienet għoddha mietet (li kienet ilha fis-seħħ mill-2013) biex jiġu kkunsidrati reviżjonijiet kostituzzjonali.

Għalhekk, apparentement, it-trawma nazzjonali li l-pajjiż kellu jgħaddi minnha meta d-demokrazija tiegħu kellha tilħaq il-punt kritiku fejn ġurnalista setgħet tiġi assassinata minħabba x-xogħol tagħha, kellha tkun il-katalista tal-proċess preżenti tar-riforma.

Imma jekk wieħed jinżel ftit aktar fil-fond, jidher ċar għal kulħadd li dan bl-ebda mod mhu l-każ.

Bl-iskuża ta' dawn il-ġrajjiet, iż-żewġ partiti politiċi daħlu għal eżerċizzju li sa issa kien qed isir kompletament wara l-kwinti. M'aħniex qed nisimgħu diskorsi dwar x'inhuma l-ambizzjonijiet u m'aħniex qed niġu ppreżentati b'xi aspirazzjonijiet ta' rieda tajba għal demokrazija aħjar.

Anzi bil-maqlub. Fil-laqgħa tagħna mal-Kumitat tat-Tmexxija kellna l-impressjoni li l-parteċipanti m'għandhom l-ebda viżjoni partikolari tal-eżerċizzju aktar milli biex taparsi jkunu qed jagħmlu xi ħaġa.

Lanqas ma rajna evidenza li qed jitfassal ħsieb b'ċertu reqqa u serjetà dwar il-proċess tal-bidla, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku, u d-definizzjoni ċara ta' kemm dawk li għandhom il-poter se jżommu lura biex jippermettu liċ-ċittadini jmexxu proċess ta' riforma skont l-ambizzjonijiet tagħhom għal demokrazija aħjar.

Għalhekk nirrakkomandaw bil-qawwa li nqattgħu iżjed ħin nistudjaw l-esperjenzi ta' pajjiżi oħra li wettqu riformi kostituzzjonali u naraw fejn dawn il-proċessi jagħtuna lezzjonijiet li nistgħu nużaw fit-triq li għandna quddiemna.

Fil-ftit żmien li kellna biex nippreparaw dawn ir-rakkomandazzjonijiet, ikkonsultajna studji tad-*Democracy Reporting International* dwar il-każijiet tal-Indoneżja u l-Afrika t'Isfel, l-opinjoni tal-Kummissjoni Venezja dwar il-każ tar-Rumanija u r-riċerka komparattiva mitqilha deheb tal-Professur Robert Blackburn tal-Kumitat Parlamentari tar-Renju Unit dwar it-Tibdil Kostituzzjonali.

Noti qosra ta' dawn l-istudji qed jiġu inkorporati fl-insets f'dan id-dokument.

# Struttura

Dan il-Memorandum qed iressaq rakkomandazzjonijiet dwar dawn l-oqsma li jidhrilna li huma kemm marbuta ma' xulxin kif ukoll jiddependu fuq xulxin:

1. Il-prinċipji li għandhom jiggwidaw il-proċess ta' riforma
2. Identifikazzjoni tal-atturi li għandhom sehem fir-riforma
3. Il-proċeduri biex ikun żgurat kunsens dwar ir-riforma
4. Rakkomandazzjonijiet dwar l-involviment tal-komunità
5. Rakkomandazzjonjiet dwar il-qafas leġiżlattiv għall-proċess ta' riforma

# 1. Il-prinċipji li għandhom jiggwidaw il-proċess ta' riforma

Din mhix lista ta' prinċipji kostituzzjonali.  Allura f'dan l-istadju m'aħniex se nħarsu lejn kemm huma adegwati l-prinċipji li hemm fil-Kostituzzjoni bħalissa u jekk hemmx ħtieġa ta' bidliet fihom.

Għalhekk din hija lista ta' prinċipji, li jidhrilna li dawk involuti għandhom iżommu f'moħħhom, dwar kif għandha ssir ir-riforma aktar milli dak li għandu jiġi riformat.

## I. Il-Kostituzzjoni għandha tkun emendata u mhux mibdula

Bħalissa il-Kostiuzzjoni hija strument imperfett li jħares l-interessi tal-komunità u d-drittijiet tal-persuni.  Waqt li huwa minnu li ma teżistix il-kostituzzjoni perfetta, huwa importanti li niftakru li jkun aħjar li nżommu n-nuqqasijiet ta' issa milli ndaħħlu oħrajn agħar minnhom.

Jidhrilna li jekk ma jkunx hemm qbil biżżejjed, ikun aħjar li l-bidliet ikunu sospiżi sakemm ikun hemm aktar żvilupp fil-ħsieb tal-komunità, milli jiġu sfurzati sabiex li ma jkunx jidher li ma rnexxilniex nwettqu dan il-proċess.

Il-punt ta' tluq għandu jkun li aħna diġà għandna Kostituzzjoni u sakemm il-komunità tagħna tkun lesta biex tagħmel bidliet, aħna se nibqgħu leali lejn il-Kostituzzjoni li għandna.

Dan ifisser li kull ħsieb ta' Kostituzzjoni ġdida huwa pass ikraħ daqs il-kostituzzjonijiet kolonjali li kienu imposti fuq pajjiżna mingħajr il-kunsens tal-poplu.

Kif nargumentaw band'oħra, anke l-kunsens bejn iż-żewġ partiti l-kbar dwar bidla sħiħa ma hu biżżejjed; kunsens bħal dan xorta jista' jipperikola d-demokrazija.

## II. Il-bidla fil-Kostituzzjoni m'għandhiex issir f'forma ta' pakkett iżda għand tkun imqassma skont temi

Mhux għaqli li jsiru f'salt wieħed riformi li m'għandhomx x'jaqsmu ma' xulxin.  Dan hu meħtieġ kemm biex iċ-ċittadini jkollhom iż-żmien biex jassorbu dawn il-materji u jimmaturaw il-ħsibijiet tagħhom kif ukoll sabiex l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jaddattaw ruħhom mingħajr ma tidgħajjef l-istabiltà u l-effetività tagħhom.

Dan il-prinċipju jrid ikun bilanċjat bil-prinċipju l-ieħor li bidliet iżolati jistgħu joħolqu skwilibriju u allura numru ta' bidliet ikunu jridu jsiru flimkien.

Li rridu ngħidu hu li, per eżempju bidla radikali fil-Kummissjonmi Elettorali m'għandhiex għalfejn titpoġġa ma' bidla fil-funzjoni tal-President. Dan jevita l-periklu li titneħħa l-attenzjoni fuq materji li jkunu jistgħu jidhru sekondarji ma' oqsma forsi aktar interessanti jew kontroversjali meta fil-fatt ikunu jimmeritaw attenzjoni u konsiderazzjoni kbira.

L-ebda element fil-Kostituzzjoni m'hu żgħir wisq u kull bidla għandha r-riskju li ssir mingħajr kunsens wiesgħa u infurmat.

Għalkemm mhux bil-fors ikun hemm xi ħsieb ħażin, id-dħul ta' bidliet li ma jkollhomx x'jaqsmu bejniethom, fih ir-riskju li jiddaħħlu riformi bil-moħbi.

Finalment, meta wieħed jaqbel ma' wħud mill-bidliet proposti ma jfissirx bil-fors li jkun qed jaqbel magħhom kollha u kull min hu involut għandu jkollu l-opportunità li jirrikonsidra l-pożizzjoni tiegħu u jagħti jew jirtira l-kunsens tiegħu għall-bidliet proposti mingħajr ma jikkometti ruħu għal xi forma ta' pakkett ta' tibdliet.

**Każ: L-Isvizzera**

L-adozzjoni tal-Kostituzzjoni tal-1999 kienet riżultat ta' proċess twil mifrux fuq 30 sena li jista' jinqasam f'żewġ stadji. L-għan tal-ewwel stadju (1965-1985) kien li tkun abbozzata kostituzzjoni ġdida b'bidliet sostantivi kbar. Peress li kien hemm xettiċiżmu kbir dwar il-bidliet proposti, il-gvern bidel l-istrateġija u ħaseb biex jimxi lejn il-bidla b'numru ta' passi, wieħed jibni fuq l-ieħor.

L-ewwel pass, u l-aktar importanti, kien l-aġġornament tal-kostituzzjoni federali Svizzera tal-1848/74. Meta mqabbla mal-abbozzi ta' qabel, l-għanijiet kienu ferm aktar modesti u t-test il-ġdid ma kienx maħsub li jinkludi bidliet sostanttivi. Il-ħsieb kien li jinġabru l-prinċipji u d-drittijiet kostituzzjonali li ma kienux miktuba, li jkunu eliminati dawk il-provvedimenti li kien ċar li għadda żmienhom, li jagħtu struttura aktar koerenti lill-Kostituzzjoni u li jarmonizzaw u jimmodernizzaw il-lingwaġġ użat. L-armonizzazzjoni kienet meħtieġa peress li l-kostituzzjoni kellha stili diversi fil-provvedimenti wara għadd ta' emendi saru biċċa biċċa. L-għan aħħari kien li tiżdied it-trasparenza, li l-Kostituzzjoni tkun aktar aċċessibli għaċ-ċittadin u li jitqiegħed pedament sod għal riformi fil-futur.

It-tieni pass kien maħsub biex id-demokrazija diretta tkun riformata.

It-tielet wieħed kien riformi fil-ġudikatura.

Il-proċess ta' riforma kostituzzjonali ma waqafx hawn. Fl-2006 u l-2006 kienu approvati żewġ riformi importanti: waħda fuq il-fereraliżmu fiskali u l-oħra dwar l-edukazzjoni.

## III. Tibdiliet li waħedhom jistgħu jżidu l-poteri tal-Eżekuttiv għandhom jiġu adottati flimkien ma' tibdiliet li jillimitawhom

Riforma Kostituzzjonali li ssir f'fażijiet differenti ġġib magħha r-riskju li l-proċess jieqaf f'punt fejn it-tibdiliet li jkunu ddaħħlu jżidu l-awtorità u l-poteri tal-Eżekuttiv qabel jew mingħajr ma jidħlu fis-seħħ inizjattivi maħsubin biex jillimitawhom.

Dan ir-riskju għandu jitnaqqas billi jintrabtu flimkien numru ta' riformi li fit-totalità tagħhom jiżguraw il-bilanċ tal-poter u l-limitazzjoni tal-poter tal-Eżekuttiv billi jipprovdu li kull bidla għandha tidħol fis-seħħ biss meta l-bidla li tibbilanċjaha tkun adottata.

## IV. Il-proċess tad-disinn għandu jkun trasparenti

Il-Kostituzzjoni hija l-bażi ta' talbiet li ċ-ċittadini individwali jagħmlu fil-konfront tal-Gvern. Għaldaqstant, hija għodda li tintuża f'disputi u kwisjonijiet fejn mill-bidu nett ir-riżorsi u l-influwenza tal-partijiet hija mill-aktar żbilanċjata.

Il-Qrati joqogħdu fuq il-Kostituzzjoni biex tipprovdilhom gwida li tiżgura li din id-diżugwaljanza tkun indirizzata u ssir il-ġustizzja. Fin-natura tagħha, deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali hija l-proċess li jinterpreta mhux biss dak li tgħid il-Kostituzzjoni, iżda wkoll dak li trid tfisser.

Għaldaqstant ikun ta' għajnuna li r-raġunament li qed isir f'dan l-istadju ta' disinn tal-providementi Kostituzzjonali jkun miktub u reġistrat. Kunsens bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra tad-Deputati bilfors irid jintlaħaq qabel Att ikun ippubblikat u dibattut. It-traskrizzjonijiet tad-dibattiti Parlamentari mhumiex biżżejjed biex jagħtu stampa ċara tal-intenzjonijiet tal-awturi u tad-dibattitu, b'opinjonijiet favur u kontra, li jkun sar barra l-Parlament.

Għalhekk huwa mixtieq li d-dibattitu fl-istrutturi eżistenti u f'dawk proposti għar-riforma jixxandru live għall-pubbliku u jkunu wkoll irrekordjati u miżmuma.

**Każ: L-Irlanda**
Is-sottomissjonijiet lill-Konvenzjoni Kostituzzjonali Irlandiża saru online u kienu ppubblikati kollha. Biex il-pubbliku jkun involut iktar fil-ħidma tal-Konvenzjoni, is-sessjonijiet pubbliċi kienu jixxandru live fuq il-website tagħha. Il-Konvenzjoni ħadet iktar

inizjattivi biex tħeġġeġ kontribuzzjonijiet mill-pubbliku għax-xogħol tagħha dwar id-dritt tal-vot fl-elezzjonijiet Presidenzjali għal ċittadini li jgħixu barra mill-Istat. Kwestjonarju immirat għal ċittadini Irlandiżi li jgħixu barra l-Istat kien aċċessibbli biex jimtela online bejn it-22 ta' Awwissu u t-18 ta' Settembru 2013 u kellu suċċess kbir: il-Konvenzjoni rċeviet eluf ta' risposti minn ċittadini Irlandiżi li jirrisjedu f'64 pajjiż differenti madwar id-dinja.

Il-preżenza online tal-Konvenzjoni, iddisinjata biex tinforma lill-pubbliku dwar ix-xogħol tagħha u biex tiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-pubbliku fir-riforma, kienet notevoli. Il-website tal-Konvenzjoni bdiet taħdem sa mill-ewwel ġurnata, fil-jum tal-laqgħa inawgurali, kif ukoll il-profili li nħolqu fuq Facebook u Twitter. Fuq il-website l-Konvenzjoni ppubblikat id-dokumenti kollha tagħha u għamlithom aċċessibbli għal kulħadd. Ippubblikat ukoll is-sottomissjonijiet kollha u l-laqgħat - madwar 100 siegħa ta' filmati - ixxandru kollha online.

Dawn il-miżuri irriżultaw effettivi ħafna bħala mezz ta' inkoraġġiment għall-parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-ħidma tal-Konvenzjoni, tant li l-Konvenzjoni rċeviet 2,500 sottomissjoni u fil-website tagħha daħlu 350,000 darba minn 144 pajjiż differenti. Iż-żamma ta' preżenza online attiva u kontinwament aġġornata kkontribwiet ferm biex tiżgura l-aċċessibilità tal-pubbliku għal informazzjoni akkurata dwar il-ħidma tal-Konvenzjoni. Din l-aċċessibilità għenet fit-tisħiħ tal-messaġġ li l-proċeduri tal-Konvenzjoni kienu tassew miftuħa u trasparenti u li kull kontribut minn kull min kien interessat jew milqut mill-kwistjonijiet Kostituzzjonali li kienu qed jiġu diskussi, kien milqugħ.

**Każ: Ir-Rumanija**

Fl-2013 twaqqaf Forum Kostituzzjonali biex tkun provduta struttura formali li permezz tagħha s-soċjetà ċivili tkun involuta fil-proċess tar-riforma Kostituzzjonali. Dan kellu jaħdem b'mod parallel mal-Kummissjoni għar-Reviżjoni tal-Kostituzzjoni mmexxija mill-Gvern Rumen. Fit-teorija kollox kien jidher li se jaħdem tajjeb iżda meta ġew għall-prattika, l-Kummissjoni bdiet tiġi akkużata b'nuqqas ta' trasparenza u li ma kinetx qed tagħti kas ta' dak li kien qed isib il-Forum. Dan kien ifisser li l-parteċipazzjoni tal-pubbliku kienet biss tal-isem u mhux tal-fatt, tant li l-Kummissjoni Venezja sussegwentement iddikjarat li wara ftit sinjali pożittivi fil-bidu tal-proċess li kienu qed jindikaw trasparenza u ftuħ, il-proċess propju ta' reviżjoni tmexxa b'ferm inqas inklużjoni u ftit li xejn sfrutta ż-żmien li kellu u l-potenzjal tad-diversi ċrieki tas-soċjetà Rumena li wrew interess fir-reviżjoni tal-Kostituzzjoni. Aktar 'il quddiem intqal li dan l-attentat għar-riforma kien eżempju klassiku ta' populiżmu-maġġoritarju, jiġifieri fejn l-elit politika tipprova timponi opinjoni mhux konsenswali fuq is-soċjetà permezz tas-supermaġġoranza.

## V. Kull bidla proposta għandha tkun ikkunsidrata skont ir-raġunijiet favur u kontra li tiġi adottata

Qbil bejn il-partiti ewlenin, minkejja li mixtieq u neċessarju biex ir-riforma kostituzzjonali sseħħ, iġib miegħu r-riskju li tintilef id-djalettika li permezz tagħha jistgħu jiġu preżentati soluzzjonijiet alternattivi jew ix-xewqa relattiva li bidla ma ssirx.

Għaldaqstant irid ikun żgurat li, anke jekk ikun hemm qbil bejn iż-żewġ partiti ewlenin favur xi emenda Kostituzzjonali, jingħata spazju ċar u ugwali għal diskors pubbliku li jkun qed jargumenta kontra dik l-istess emenda.

# VI. Riforma Kostituzzjonali bla limitu ta' żmien

Nifhmu li meta tikkunsidra l-fallimenti tal-passat biex jinstab qbil bejn il-partiti għar-riforma, il-partiti politiċi jaf qed iħossu l-bżonn li jaħtfu l-opportunità u jisfruttaw mument ta' kriżi jew tibdil fir-relazzjoni ta' bejniethom biex jgħaġġlu t-tibdiliet.

Ir-riforma għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju li r-rarita u d-djuq ta' din it-tieqa ta' opportunità m'għandiex tkun kunsiderazzjoni għar-rata, l-kwalità u l-proċess tal-bidla u ċertament m'għandiex tkun kunsiderazzjoni li b'xi mod tiżboq il-prinċipji l-oħra mniżżla hawnhekk.

# 2. Atturi bi rwol fil-proċess tar-riforma

## I. Il-Parlament

Il-Kostituzzjoni minnha nnifisha titlob li kull bidla li ssir fiha trid tgħaddi minn Att tal-Parlament. Għaldaqstant hu ovvju li l-Parlamentari huma l-protagonisti prinċipali fil-proċess ta' riforma peress li l-att ta' approvazzjoni tagħhom hu indispensabbli biex tkun tista' titwettaq konkretament xi bidla.

Għalkemm għal raġunijiet prattiċi, il-Parlamentari jippreferu jorganizzaw ruħhom f'partiti politiċi, u għalkemm għal raġunijiet prattiċi jagħmel sens li l-partiti politiċi jiffurmaw delegazzjonijiet li jirrappreżentawhom f'diskussjonijiet informali barra mill-Parlament dwar kwistjonijiet kostituzzjonali, il-ħtieġa ta' żewġ terzi kif mitluba mil-Kostituzzjoni teżiġi li l-istandards normali ta' deċiżjonijiet ta' maġġoranza aċċettabbli mhumiex biżżejjed f'dak li għandhom x'jaqsmu bidliet fll-Kostituzzjoni.

Dan ifisser li fl-istess idea tal-eżercizzju tal-funzjoni parlamentari fil-każ ta' riforma kostituzzjonali, ir-rwol normali tal-gruppi tal-"Gvern" u tal-"Oppożizzjoni" ma jilħqux livell suffiċjenti.

L-ewwelnett, bla dubju hemm rwol differenti għall-partiti kollha fil-Parlament jew membri indipendenti fil-Parlament li ma jistgħux jiġu inklużi fid-delegazzjonijiet magħmula mill-partiti prinċipali, dak fil-gvern u dak fl-oppożizzjoni. Il-Parlament attwali jinkludi l-Partit Demokratiku li, għalkemm parti mill-Oppożizzjoni skont il-Kostituzzjoni, għandu jkollu rwol ta' attur distint li jistħoqqlu konsiderazzjoni akbar minn dik li għandhom partiti politiċi li mhux rappreżentati fil-Parlament.

Bħala t-tieni punt, aħna nisħqu li l-ekwivalenza bejn il-Maġġoranza Parlamentari u l-Eżekuttiv hi minnha nnifisha difett fis-sistema kostituzzjonali tagħna li ma jistax jissewwa sakemm il-fehmiet ta' waħda u tal-ieħor jitqiesu bħala ħaġa waħda. Il-Backbenchers għandhom rwol kruċjali fid-dibattitu u l-opinjonijiet tagħhom għandhom jitqiesu indipendentement mill-gruppi li minnhom jiffurmaw parti.

It-tielet punt, bħala għassies fuq il-libertaijiet parlamentari u 'l fuq mill-interessi interni tal-partiti politiċi fil-Parlament, l-Ispeaker għandu rwol distint ta' parti interessata u għandu jkun attur li jista' jservi bħala gwida u garanzija ħalli jkun hemm distinzjoni fil-loġika tal-interessi tal-qasam leġiżlattiv u dak eżekuttiv.

**Każ: Belġju**

Ir-riforma kostituzzjonali Belġjana tal-1993 ma kienetx eżerċizzju kostituzzjonali astratt iżda att politiku, ikkontrollat minn elit ta' politiċi anzjani u maħdum bi ftehim u kompromessi bejn partiti differenti. Madanakollu, il-ħtieġa li jiġi mħares l-ftehim delikat li

kien intleħaq bejn is-sħab tal-koalizzjoni wasslet biex il-gvern ma riedx jaċċetta l-ebda tibdil jew emendi skont il-ftehim milħuq. Bħala riżultat ta' dan, għalkemm il-ftehim kellu jgħaddi mill-proċess parlamentari, il-leġiżlatura kienet effettivament meħtieġa biex taċċetta jew tirrifjuta r-riformi fil-kumplessità tagħhom. Dan il-metodu antagonizza lill-partiti tal-oppożizzjoni u saħħaħ aktar il-perċezzjoni li din ir-riforma kostituzzjonali kienet esklużivament ta' numru żgħir ta' politiċi, pakkett ta' miżuri maħsuba minn qabel li ma kienx se jgħaddi minn taħt skrutinju sħih minn dawk li ġew eletti demokratikament fil-gvern.

# II. Il-Partiti Politiċi

Bla dubju ta' xejn, il-partiti politiċi huma l-aġenti tal-bidla fil-komunità tagħna u huma atturi prinċipali fil-proċess tar-riforma Kosituzzjonali. Nifhmu wkoll li biex jintleħaq konsensus fuq riformi, hemm bżonn ta' negozjati bejn iż-żewġ partiti politiċi li huma biss u flimkien jistgħu jassikuraw saħħa leġiżlattivi biżżejjed qawwija biex dawn ir-riformi jsiru.

Il-partiti politiċi li attwalment jiddominaw fil-Parlament, jista' jkun li qed jagħmlu hekk għaliex il-qafas kostituzzjonali eżistenti jiffavurixxi lil dawk li huma qawwija b'mod li ma jkunx hemm daqshekk bżonnhom kieku jkun hawn għarfien akbar ta' xi tfisser tassew id-demokrazija llum.

Għalhekk, jehtieġ li l-partiti politiċi rappreżentati fil-Parlament jiġu meqjusa bħala atturi fil-process tar-riforma.

# III. L-Istituzzjonijiet

Flimkien mal-Ispeaker tal-Kamra bir-rwol tiegħu ta' attur, bl-argument li jaħdem fl-interessi tal-istituzzjoni leġiżlattiva indipendentment mill-interessi tal-eżekuttiv li ħafna drabi jsiru ħaġa waħda, istutuzzjonijiet oħra li preżentement jaqgħu taħt il-poter tal-qasam eżekuttiv, għandhom jipparteċipaw fid-diskussjoni bħala atturi awtonomi.

Dawn l-istituzzjonijiet jinkludu ovvjament l-ġudikatura.

Iżda forsi, għalkemm mhux daqshekk ovvju, il-proċedura tar-riforma kostituzzjonali għandha tikkonsidra wkoll istituzzjonijiet oħra meqjusa inġustament ta' anqas rilevanza fil-ħajja demokratika. Ikun ħażin li wieħed jassumi li ċ-ċivil, il-korpi regolatorji, il-Kunsilli Lokali, il-korpi kostituzzjonali u oħrajn m'għandhomx huma wkolll opinjonijiet tagħhom distinti minn dawk ta' oħrajn dwar ir-riforma kostituzzjonali. Wara kollox, il-Kostituzzjoni trid tiddefinixxi r-rwol tagħhom fuq livell ta' komunità, trid tasserixxi u tiddefendi l-poteri tagħhom u trid ukoll tħares l-awtonomija tagħhom minn atturi ta' istituzzjonijiet oħra.

Il-professjonisti wkoll li jagħmlu parti minn dawn l-entitajiet huma mimlija b'esperjenza ta' kif jaħdmu dawn il-korpi u għalhekk jistgħu jagħtu kontribut siewi li m'għandux jigi eżaminat u ikkontrollat mill-Eżekuttiv li ħafna drabi u ħażin, jaġixxu daqs li kieku huma jistgħu jiddeċidu f'ísimhom.

## IV. Il-Korpi kostitwiti

L-Eżekuttiv hu obligat, skont il-liġi, li jisma' u jikkonsidra b'mod adegwat l-opinjonijiet ta' organizzazzjonijiet li b'mod kollettiv normalment jissejħu "sieħba socjali" f'dak li għandu x'jaqsam mal-governanza tal-ekonomija. Il-Kunsill Malti għall-Ekonomija u l-Iżvilupp Soċjali jgħaqqad organizzazzjonijiet f'forum ta' nies li huma meqjusa bħala partijiet interessati fl-immaniġġar tal-ekonomija Maltija u jfittex li jsib bilanċ bejn l-opinjonijiet kontrastanti tagħhom, jew, meta dawn l-opinjonjiet iqarbu lejn xulxin, ifittex konverġenza max-xejra politika pubblika.

M'hemm l-ebda raġuni għaliex wieħed għandu jaħseb li organizzazzjonijiet li huma partijiet interessati fit-tħaddim tal-ekonomija tal-pajjiż, għandhom ikunu anqas protagonisti fil-Kostituzzjoni tal-pajjiż.

## V. Is-settur mhux governattiv

Is-settur mhux govenattiv hu l-qasam li jirrifletti il-ħajja tal-komunità u minn natura tiegħu stess hu parti interessata f'kull riforma tal-liġijiet basiċi li jaqa' taħthom.

Il-varjetà ta' interessi tista' twassal li l-impenn f'dan is-settur jidher bla valur peress li ħafna mill-organizzazzjonijiet jżommu biss quddiem għajnejhom ir-riżorsi limitati tagħhom li jikkondizzjonaw l-milja tal-funzjonijiet tagħhom limitati u għalhekk jaslu għall-konklużjoni li l-impenn tagħhom fil-proċess tar-riforma kostituzzjonali hu barra mill-interessi tagħhom, jew l-aktar li m'għandhomx ħin biex jipparteċipaw fih u l-anqas ikunu jridu jagħtu l-ebda input.

Bħala eżempju nistgħu nieħdu l-klabbs sportivi li huma ta' rilevanza kbira fil-ħajja tal-komunità iżda l-attivisti f'dan is-settur jistgħu jqiesu d-dibattitu dwar il-funzjonijiet tal-President ta' Malta bħala kwistjoni li l-organizzazzjoni tagħhom, la għandha r-riżorsi u l-anqas il-mandat statutorju biex tieħu pożizzjoni dwarhom.

Għalhekk huwa kruċjali li l-involviment tas-settur mhux governattiv jiġi maħsub b'mod li l-parteċipanti jħossuh importanti għalihom u b'mod li jkun jista' jingħata kontribut produttiv għar-riforma kostituzzjonali.

Hu importanti wkoll li jkun hemm stampa wiesgħa tas-settur mhux governattiv, fid-dawl tal-lista parzijali ta' konsiderazzjonijiet li hawn hawn taħt u li jistgħu jipprovdu aspetti differenti minn dawk ta' meta nkitbet l-ewwel darba l-Kostituzzjoni:

a. Organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw setturi tas-soċjetà li għandhom bżonn jiġu organizzati biex jiġu mħarsa l-interessi tagħhom, jiġu protetti kif xieraq jew ttrattati b'mod ekwu, bħal nisa, studenti, persuni bi bżonnijiet speċjali, LGBTIQ u oħrajn
b. Organizzazzjonijiet li jaħdmu favur il-konservazzjoni tal-ambjent, il-protezzjoni tal-habitat naturali, il-ġlieda kontra l-bidla fil-klima, il-preservazzjoni tal-wirt artifiċjali etc

c. Artisti
d. Organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw knejjes, denominazzjonijiet reliġjużi, umanisti jew ateji
e. Organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw professjonisti jew persuni li fis-sevizz li jagħtu huma marbuta mal-kljenti tagħhom fuq bażi ta' fiduċja
f. Organizzazzjonijiet li jaħdmu mal-foqra jew f'isimhom, l-emarġinati, l-ħabsin jew dak miżmuma taħt arrest, dawk li huma soċjalment żvantaġġjati, dawk bla saqaf fuq rashom u oħrajn
g. Organizzzazzjonijiet li jahdmu jew jirrappreżentaw l-interessi tal-immigrati jew id-dixxendenti tagħhom
h. Il-midja indipendenti
i. Organizzazzjonijiet li jiffukaw fuq dak li għandu x'jaqsam ma' governanza tajba, id-drittijiet fundamentali u s-saltna tad-dritt

# VI. L-Esperti

Riforma kostituzzjonali hi materja kumplessa u teknika b'ramifikazzjonijiet li jistgħu ikunu spjegati b'mod adegwat biss jekk wieħed ikollu għarfien profond tal-liġi u tal-politika, ħila ta' analiżi komparattiva u għarfien tal-istorja.

Għalhekk huwa kruċjali illi dawk kollha involuti fil-proċess ta' riforma jingħataw aċċess għall-benefiċċju ta' għarfien espert u esperjenzi ta' esperti fit-teorija jew professjonisti fil-prattika li huma l-aktar preparati sabiex jagħtu pariri dwar ir-riforma.

# VII. Iċ-ċittadini

Minkejja li l-Parlament huwa elett direttament permezz tal-vot ħieles taċ-ċittadini, tali involviment, li jista' ikun bżżejjed fir-rigward tal-funzjonijiet parlamentari ordinarji, mhuwiex neċessarjament suffiċjenti sabiex il-Membri Parlamentari jqiesu li għandhom mandat ħalli jiddeċiedu f'isem iċ-ċittadini mingħajr ma jieħdu miżuri sabiex jiżguraw ruħhom mill-approvazzjoni tagħhom.

Aħna nwissu kontra metodi konvenzjonali li jwasslu għall-preżunzjoni ta' kunsens popolari.

L-appoġġ li partit politiku jgawdi, sew jekk minħabba l-ħila tal-kap tiegħu jew minħabba l-appoġġ wiesgħa li jkun ingħata lill-programm elettorali, ma jistax jitqies li jammonta għal mandat sabiex wieħed ibiddel "ir-regoli tal-logħba". Għall-kuntrarju, attitudni aktar raġjonevoli tkun li l-appoġġ mogħti lil partit politiku jkun ingħata bil-kundizzjoni li jibqgħu fis-seħħ ir-regoli tal-logħba li kienu viġenti l-aħħar darba li tali appoġġ ikun intalab u ngħata.

Barraminhekk, l-appoġġ lil Membru Parlamentari jew lil partit politiku fil-Parlament jingħata bil-kundizzjoni li tali appoġġ jiskadi u jkun eżaminat mill-ġdid f'terminu ta' żmien preċiż (mhux

aktar minn ħames snin). Għall-kuntrarju, bidliet fil-Kostituzzjoni m'għandhomx tali terminu ta' skadenza u huma intenzjonati sabiex idumu fiż-żmien.

Inwissu wkoll kontra użu bl-addoċċ ta' referenda sabiex jinkisru l-prinċipji identifikati aktar 'il fuq f'dan id-dokument, sempliċement sabiex il-Membri Parlamentari jitħallew jilludu lilhom innifishom li meta jimplimentaw bidliet kostituzzjonali huma jkunu qegħdin jagħmlu hekk fuq struzzjonijiet mogħtija lilhom mir-rieda popolari b'referendum.

M'aħniex qegħdin nesprimu opinjoni kontra l-użu ta' referenda per se.

Iżda qegħdin inwissu kontra l-introduzzjoni ta' pakkett ta' riformi mhux konnessi ma' xulxin u kumplessi li jkun sfurzat permezz ta' vot uniku ta' iva/le,  forsi anke wara l-użu ta' 'kampanja edukattivi' li aktar minn xejn ikollha l-għan illi wieħed jassolvi lilu nnifsu fil-kuxjenza tiegħu u tkun maħsuba w iffinanzjata minn dawk li jkunu favur tali bidliet.

Tali process huwa perikoluż u, għalkemm fid-dehra huwa demoratiku, hemm ir-risku li jkun l-oppost: tneħħija b'mod populista ta' drittijiet demokratiċi li ntrebħu b'sagrifiċji kbar.

**Każ: Iżlanda**

Wieħed mill-elementi l-aktar sinjifikanti tal-proġett ta' riforma kostituzzjonali riċenti ta' l-Iżlanda kienet il-parteċipazzjoni pubblika b'saħħitha, ħaġa li kienet attivament inkoraġġita mill-bidu nett tal-proċess.

L-ewwel mekkaniżmu li ntuża sabiex intlaħaq dan kien jikkonisti f'li wieħed żgura ruħu li ċ-ċittadini ordinarji setgħu jipparteċipaw f'laqgħat u jiffurmaw entitajiet li jkollhom sehem fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Il-Forum Nazzjonali u l-Kunsill Kostituzzjonali kienu żewġ entitajiet differenti, magħmula minn rappreżentanti minn kull sezzjoni tas-soċjetà Iżlandiża. Dan għen sabiex kien żgurat li l-abbozz tal-kostituzzjoni saret minn vuċijiet u opinjonijiet diversi, u mhux iddominat mill-politika tal-partiti.

X'aktarx li l-aktar fattur sinjifikanti fil-proċess Iżlandiż kien l-użu ta' metodi ta' crowd-scouring sabiex kienu identifikati l-valuri li kelhom jkunu il-pern u l-kontenut ta' proviżjonijiet ta' l-abbozz tal-kostituzzjoni. Il-parteċipazzjoni pubblika fil-proċess ta' riforma Iżlandiża kien magħmul aktar faċli bl-użu innovattiv u effettiv ta' l-internet u l-midja soċjali. Dan ta lill-Kunsill Kostituzzjonali aċċess għal varjeta' kbira ta' opinjonijiet waqt li kien qiegħed jifformula l-proposti tiegħu u għamel aktar faċli proess ta' abbozzar risponsiv li seta' jivolvi mill-qrib lill-membri tal-pubbliku li wrew interess fil-proġett tar-riforma kostituzzjonali. It-trasparenza li rriżultat mill-metodu ta' crowd-sourcing fisser ukoll li l-poplu Iżlandiż seta' iqis lilu nnifsu bħala parti ugwali u ta' valur minn proċess li ma kienx dominat minn interessi. Għalkemm il-Kunsill ingħata l-pariri tal-esperti, ma stiedinx rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet b'interessi partikolari għal laqgħat speċjali, iżda tali organizzazzjonijiet – bankiera, sidien ta' dgħajjes, bdiewa, politiċi – kellhom l-istess aċċess bħall-bqija għall-Kunsill, il-laqgħat tiegħu u għal membri individwali tal-Kunsill. Dan kien benefiċċju importanti tal-aspett tal-crowd-sourcing fil-proċess: ħoloq qafas li ppermetta li kulħadd ikun mistieden sabiex ikollu post madwar l-istess mejda.

Il-livell ta' parteċipazzjoni pubblika fil-proċess ta' riforma kostituzzjonali Iżlandiża setgħa kellu effett aktar fundamentali. X'aktarx l-aktar riżultat importanti – u forsi l-aktar li ser idum fiż-żmien – tal-proċess kien li l-poplu Iżlandiż ġie rikonoxxut bħala protagonist kostituzzjonali.

# 3. Proċeduri li jiżguraw kunsens għar-riforma

## a. Il-qafas preżenti

Fil-preżent jeżisti Kumitat ta' Tmexxijja presjedut mill-President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca u li jinkludi tlett rappreżentanti ta' kull wieħed mill-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista. Mhux ir-rappreżentanti kollha huma Membri Parlamentari, iżda dawk li mhumiex fil-passat kienu jokkupaw il-kariga ta' Deputat Prim Ministru.

Il-Kumitat ta' Tmexxijja jinkludi l-Ministru tal-Ġustizzja in kariga u żewġ persuni li okkupaw tali kariga fil-passat.

Ninsabu infurmati mill-Kumitat innifsu li fil-preżent qiegħed jiġbor proposti għal tibdil kostituzzjonali magħmul fil-passat riċenti sar-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa.

Ninsabu wkoll infurmati li l-Kumitat bi ħsiebu jembarka fuq 'kampanja edukattiva', bi ħsiebu jipprovdi informazzjoni lill-pubbliku fuq website speċifika u bi ħsiebu jirrelata ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi.

Nifhmu li l-Kumitat ta' Tmexxijja ġie maħluq sabiex ikattar ambjent ta' djalogu u fiduċja reċiproka bejn iż-żewġ partiti politiċi l-kbar, li tagħhom l-appoġġ ser ikun meħtieġ sabiex isseħħ kwalunkwe riforma. Aħna nipperċepixxu r-rwol tal-President tar-Repubblika fil-Kumitat ta' Tmexxijja bħala dak ta' medjatur, ta' persuna li huwa ikkunsidrat miż-żewġ partiti bħala medjatur fdat u ta' ħila, li esperjenza l-Kostituzzjoni mill-punto di vista ta' uffiċjal għoli ta' partit politiku, ta' Membru Parlamentari fuq iż-żewġ naħat tal-Kamra, ta' Ministru tal-gvern u ta' President ta' Malta.

Fhimna wkoll li għalkemm il-Kumitat ta' Tmexxijja beda janalizza l-proposti ta' organizzazzjonijiet u individwi li ma jiffurmawx parti mill-istess Kumitat, għadu ma artikolax u ċertament ma ħabbarx il-proċedura li bi ħsiebu jaddotta sabiex jirrelata ma' oħrajn barra minnu.

Il-proposti tagħna ser jinkludu l-mudell tal-Kumitat ta' Tmexxijja eżistenti, peress li nqiesu li r-raġunijiet għall-kompożizzjoni tiegħu huma essenzjali sabiex wieħed jasal għal xi forma ta' konklużjoni. Madanakollu, inħossu li l-kunsens milħuq fil-kompożizzjoni preżenti tal-Kumitat ta' Tmexxijja għandu jkun il-bidu ta' proċess ta' approvazzjoni qabel Att Kostituzzjonali tal-Parlament u mhux il-konklużjoni tiegħu.

## b. Qafas propost

Il-qafas li qed nipproponu għandu erba' elementi essenzjali li flimkien jiggvernaw il-kunsiderazzjoni ta' riformi Kostituzzjonali qabel dawn jiġu ratifikati f'referenda u/jew adottati mill-Parlament, kif ġej:



# 1. Fażi t'abbozzar

## I. Grupp ta' Ħidma Parlamentari

Dan il-Grupp hu bejn wieħed u ieħor il-Kumitat eżistenti ta' Tmexxija li jżomm il-missjoni preżenti tiegħu li jevalwa proposti storiċi u preżenti għal riforma Kostituzzjonali biex:

- Jara x'proposti aktarx ikollhom qbil bejn il-partiti;
- Jipprioritizza u jagħmel f'ordni t'importanza r-rakkomandazzjonijiet fil-kuntest tal-programm leġislattiv tal-gvern u l-aspirazzjonijiet konġunti tal-partiti politiċi;
- Jidħol fi djalogu informali li jevalwa r-rakkomandazzjonijiet li jsiru;
- Jipprovdi forum għall-partiti nfushom biex jaqsmu bejniethom proposti li jsiru fi ħdanhom, u fil-korpi interni u konsultattivi tagħhom;
- Ifittex perspettiva fit-tul lil hinn mill-preżent jew mill-leġislatura li jmiss biex jintlaħaq impenn konġunt għal riforma.

Nappoġġjaw il-ħsieb li l-grupp jitmexxa minn persuna kompetenti li l-parteċipanti jagħrfu bħala li hi 'l fuq mill-interessi differenti tagħhom u impenjata għall-oġġettivi konġunti tagħhom. M'għandniex kummenti negattivi x'nagħmlu dwar Marie Louise Coleiro Preca għax nifhmu li l-parteċipanti tal-Kumitat preżenti ta' tmexxijja huma kuntenti b'din l-għażla.

Inħossu li ma jixraqx li l-President ta' Malta tmexxi dan il-grupp ta' ħdima jew li jkollha xi forma ta' rwol fil-kunsiderazzjoni ta' proposti għal riforma Kostituzzjonali għax il-fehmiet espressi tal-President, anke jekk jirriflettu l-qbil bejn il-partiti politiċi, huma ta' preġudizzju għar-riżultat tal-proċess u jikkompromettu r-rwol tal-President bħala rappreżentant tal-għaqda nazzjonali.

Ftehim bejn il-partiti politiċi ma jfissirx għaqda nazzjonali u l-President m'għandhiex tagħti l-awtorità istituzzjonali tagħha biex tappoġġja anke dak li jaqblu bejniethom il-partiti politiċi fuq materji li jkunu jistgħu jibqgħu kontroversjali jekk atturi oħra fir-riforma ma jaqblux, jew fejn jekk mhux għall-appoġġ tagħha ma kienux jaqblu.

Minħabba li l-kariga tal-President Coleiro Preca fi kwalunkwe każ hi qrib tmiemha u fi kwalunkwe każ waqt li kienet fil-kariga m'esprimietx xi fehma favur jew kontra xi proposta, inħossu li n-nomina tagħha bħala individwu biex tkompli timmedja u tospita d-diskussjonijiet tar-rappreżentanti tal-partiti politiċi m'għandha ssib ebda oġġezzjoni.

Inżidu li naħsbu li jixraq li l-partiti kollha fil-Parlament għandhom ikunu inklużi fil-Grupp ta' Ħidma bħal element intern u inseparabbli tal-għamla tal-Parlament preżenti. Dan ikun aħjar milli jekk it-tielet partit ikun xi korp estern ikkonsultat.

Fl-aħħar nirrakkomandaw li konformi ma' prinċipju IV li niżżilna hawn fuq, id-diskussjonijiet ta' dan il-grupp ta' ħidma jixxandru online u tinżamm traskrizzjoni tagħhom.

## II. Forum t'Esperti

Dan l-organu jiġbor flimkien esperti li jistgħu jagħtu pariri lill-organi l-oħra fl-istadju tal-abbozzar, imma wkoll lill-media indipendenti u lill-pubbliku u jagħtu appoġġ lill-proċess b'analiżi informata, opinjonijiet u riċerka.

Il-Forum jaġixxi b'mod indipendenti minn organi oħra u l-parteċipanti fil-forum ikollhom aċċess għall-mistoqsijiet li jsirulu minn kwalunkwe korp estern jew minn individwi. L-għan mhux bil-fors li jintlaħaq qbil bejn l-esperti. Anzi f'dan l-istadju fehmiet kontrastanti jistgħu jagħtu soluzzjonijiet alternattivi u jħallu lill-atturi jieħdu deċiżjonijiet informati waqt li jevalwaw veduti differenti u informati sew.

Il-membri kollha tal-Forum ikunu jistgħu jipprovdu opinjonijiet bi tweġiba għal mistoqsijiet li jsiru lill-Forum, li jappoġġjaw jew jiktbu fejn ma jaqblux mal-fehmiet espressi minn membri oħra jew li jipproduċu opinjonijiet jew pariri fuq l-inizjattiva tagħhom mingħajr ma jkollhom għalfejn jistennew li ssir mistoqsija lill-Forum.

Naturalment il-Forum t'Esperti jinkludi esperti rikonoxxuti fil-qasam teoretiku jew li jipprattikaw fil-liġi Kostituzzjonali.

Madankollu jidhrilna li l-għażla t'esperti għandha tinkludi wkoll persuni kompetenti minn dixxiplini kumplimentari oħra bħal esperti f'oqsma oħra tal-liġi, xjenzati tal-politika, soċjologi, antropologi, filosofi, storiċi, ekonomisti u oħrajn bħal dawn.

Il-Forum t'Esperti għandu jkollu biżżejjed riżorsi biex iħallas għal riċerka speċifika meta jkun hemm biżżejjed parteċipanti li jaqblu li biex tintwieġeb domanda li teħtieġ analiżi tajba ma jkunx biżżejjed li l-informazzjoni tinġabar minn riċerka li diġa' saret.

Għandu jkun hemm fil-Forum t'Esperti wkoll persuni li kienu fl-imgħoddi jeżerċitaw fil-kuntest Kostituzzjonali bħal ex-Parlamentari, ex-uffiċjali għolja taċ-ċivil, ex-sindki, ex-imħallfin fil-qrati Maltin u fil-Qrati Ewropej tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Ġustizzja.

Il-Forum t'Esperti m'għandux ikollu xi uffiċjal li jmexxih imma għandu minflok ikollu l-għajnuna ta' segretarju amministrattiv li jamministra d-djalogu mal-organi l-oħra, mal-midja u mal-pubbliku.

## III. Grupp Rappreżentattiv għas-Soċjetà Ċivili

Il-mudelli li qed inħarsu lejhom hawn mhumiex il-bogħod mill-Malta-EU Steering and Action Committee li nbena għall-ewwel darba biex jevalwa programm iehor leġislattiv ta' riforma kumpless, fiż-żmien tad-dħul ta' Malta fl-UE. Dak il-programm jista' jitqies li kien tali li kien jeħtieġ l-istess tip ta' djalogu fil-komunità li jixbaħ dak meħtieġ minn Riforma Kostituzzjonali.

Il-lista t'organizzazzjonijiet membri fil-MEUSAC (mehmuża f'ness B) u l-proċedura li jadotta li jaħdem ma' core group għall-proċessi ta' governanza u kif jaħdem mal-organizzazzjonijiet li jieħdu sehem permezz ta' skambju remot t'informazzjoni jafu jkunu ta' mudell utli għal dan il-proċess.

Minkejja dan il-Grupp Rappreżentattiv għas-Soċjetà Ċivili m'għandux jinkludi lill-gvern, lill-istituzzjonijiet, kunsilli lokali u partiti politiċi li għandhom l-opportinutà li jagħtu kontribut fil-proċess ta' riforma f'organi oħra fl-istruttura.

Għandu jingħata kas tas-sehem ta' korpi li jirrappreżentaw organizzazzjonijiet f'kategoriji mniżżla taħt it-titlu Settur Mhux Governanttiv fit-taqsima aktar 'il fuq dwar l-'atturi' fil-proċess ta' riforma minħabba li wħud minn dawn is-setturi m'humiex inklużi fil-qafas tal-MEUSAC mimnħabba li l-iskop tiegħu hu differenti mill-oġġettiv ta' din ir-riforma.

L-istess bħal fil-każ ta' Forum t'Esperti, min jieħu sehem fil-Grupp Rappreżentattiv tas-Soċjetà Ċivili għandu jkun liberu jesprimi l-fehmiet tiegħu bi qbil jew b'nuqqas ta' qbil mal-fehmiet ta' membri oħra tal-Grupp bi tweġiba għal mistoqsijiet jew proposti li jagħmlu organi oħra fil-proċess.

Għandu jinħatar core group li jirrifletti rappreżentazzjoni tal-firxa ta' kompetenzi fil-Grupp Rappreżentattiv biex jiffaċilita d-djalogu mal-organizzazzjonijiet li jieħdu sehem u joħloq fora u opportunitajiet ta' skambju t'informazzjoni, dibattitu u possibilment qbil.

Dan jista' jinkludi fost oħrajn konferenzi, seminars, dokumentazzjoni li tipprovdi informazzjoni u kwalunkwe mezz ieħor li l-core group ikun jidhirlu xieraq.

Il-core group ma jkollux l-awtorità li jitkellem bħala xi korp magħqud f'isem l-organizzazzjonijiet membri, sakemm ma jkunx ivverifika li jezisti kunsens infurmat tal-parteċipanti kollha.

**Każ: L-indoneżja**

Il-ħtieġa ta' tiġdid kostituzzjonali nqalgħet wara l-waqgħa tar-reġim dittatorjali tal-President Soeharto f'Mejju 1998. Il-korp li kellu l-inkarigu li jemenda l-kostituzzjoni kien l-Assemblea Konsultattiva tal-Poplu (AKP). B'700 membru b'kollox, l-AKP inkludiet 500

membru parlamentari u 200 delegat maħtura, li fosthom kien hemm 135 rappreżentant reġjonali maħtura minn parlamenti provinċjali u 65 rappreżentant ta' għaqdiet tas-soċjetà ċivili maħtura mill-President.

Ir-riforma kostituzzjonali fl-Indoneżja saret bil-mod u, fil-biċċa l-kbira, il-proċess kien esklussiv u mhux trasparenti. Il-partiti rappreżentati fl-AKP ħadu l-maġġoranza tad-deċiżjonijiet li ddeċidew il-proċess, bi ftit spazju għal dawk li ma kenux inklużi fl-assemblea biex jesprimu l-preferenzi tagħhom. Għalkemm l-AKP ippruvat ftit biex tinkludi l-pubbliku fit-tieni u t-tielet emendi, ir-riforma kostituzzjonali baqgħet proċess limitat għall-livelli għolja tal-politika. L-AKP għamlet bosta konsultazzjonijiet pubbliċi; iżda dawn laħqu biss iż-żoni urbani u d-diskussjonijiet kienu dominati minn uffiċjali tal-gvern lokali u mexxejja tal-komunità. Il-proċess ma kellux rotta ppjanata u dan il-fatt għamilha diffiċli biex il-pubbliku jsegwi l-andament u biex jikkontribwixxi f'punti importanti.

**Każ: L-Iskozja**

L-ewwel laqgħa uffiċjali tal-Konvenzjoni Kostituzzjonali tal-Iskozja saret fit-30 ta' Marzu 1989. Il-parteċipanti f'din il-konvenzjoni inkludew il-knejjes prinċipali tal-Iskozja, l-għaqda magħrufa bħala 'Scottish Women's Forum', rappreżentanti tal-minoritajiet etniċi u l-Federation of Small Businesses. Gruppi ta' interess u t-trejdunjins kienu wkoll affiljati. Partiti politiċi li ħadu sehem kienu l-Partit Laburista, il-Liberal-Demokratiċi Skoċċiżi, il-Partit tal-Ħodor tal-Iskozja, L-Orkney and Shetland Movement u x-Xellug Demokratiku tal-Iskozja. Il-kungress tat-trejdunjins Skoċċiżi ħadu sehem ukoll bħalma għamlu varji kunsilli reġjonali, distrettwali u tal-gżejjer flimkien mal-'Campaign for a Scottish Parliament'. Il-Partit Nazzjonali Skoċċiż u l-Partit Konservattiv ma ħadux sehem iżda membri individwali ta' dawn il-partiti taw sehemhom u wrew l-appoġġ tagħhom għal din il-Konvenzjoni.

Karatteristika li spikkat fil-Konvenzjoni kienet li tat l-opportunità lil gruppi u partiti diversi biex jikkollaboraw bejniethom. Ix-xogħol ta' paċenzja tal-Konvenzjoni lesta t-triq għall-introduzzjoni tad-devoluzzjoni peress li laqqgħet flimkien partiti politiċi ewlenin u gruppi tas-soċjetà ċivili.

## IV. Ġurija taċ-Ċittadini

Din il-proposta tista' tidher *prima facie* bħala l-proċedura l-iktar radikali li nipproponu. Din, iżda, għandha għeruqha fil-metodi applikati fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja f'Malta u, għaldaqstant, element essenzjali fil-fehma u tradizzjoni komuni tal-ħajja demokratika.

F'kawżi kriminali ta' natura serja, l-akkużat għandu dritt li jkunu ġudikat mill-pari tiegħu. Il-ġurati mhumiex magħżula skont il-kompetenza legali tagħhom (bħalma hu l-imħallef) u lanqas m'għandhom bżonn ikunu ġustifikati b'għażla jew elezzjoni popolari.

Għall-kuntrarju, il-legittimità tal-ġudizzju tal-ġurija hi bbażata fuq il-fatt li l-membri huma nies ordinarji, li ma fittxewx li jkunu ġurati u lanqas ma fittxew ħlas talli kienu ġurati u, għalkemm jiġu ggwidati mill-għerf tal-imħallef sedenti u mill-pariri u l-kompetenza tal-avukati tad-difiża u tal-prosekuzzjoni, in-nuqqas ta' fehma teknika hu garanzija tal-imparzjalità u s-sens komuni li fuqhom ikun ibbażat il-verdett tagħhom.

Hemm regoli għas-selezzjoni ta' ġurati, bħal, per eżempju, li ma jistgħux ikun fuq il-ġuri nies li jkollhom x'jaqsmu mal-kawża jew ma' nies involuti fil-kawża jew li ġurat ma jafx jaqra. Hemm

regola wkoll li taċċerta l-mudell ta' żewġ partijiet li jkollhom opportunitajiet indaqs biex iwasslu ż-żewġ naħat ta' storja sabiex iwasslu għal verdett.

Il-Ġurija taċ-Ċittadini fil-proċess ta' riforma kostituzzjonali li qegħdin nipproponu tkun organu ta' 70 ruħ, kważi ekwivalenti għall-Parlament tagħna, magħżula biex jirrappreżentaw id-distribuzzjoni tas-sess u età kif ukoll il-ġeografija ta' Malta, l-eqreb li nkunu nistgħu tal-proporzjonalità.

B'rispett ta' dawn il-kriterji imbagħad, il-Ġurija taċ-Ċittadini tintgħażel bl-addoċċ, b'lotterija, mil-lista eżistenti li tintuża mir-Reġistratur tal-Qrati għall-għażla tal-ġuriji fil-Qrati Kriminali.

Ir-rwol tal-Ġurija taċ-Ċittadini ikun dak li tisma' u tikkonsidra proposti għar-riformi kostituzzjonali u twassal b'verdett lill-Parlamentari biex jaraw x'suċċess ikollhom jikkonvinċu ċ-ċittadini ordinarji li r-riformi maqbula għandhom il-kunsens ta' maġġoranza tal-pubbliku.

Wara dan, proposta tal-Grupp tal-Ħidma fil-Parlament, wara konsiderazzjoni tal-opinjonijiet, favur u kontra, tal-Grupp ta' Esperti u l-Grupp Rappreżentattiv tas-Soċjetà Ċivili, tingħata għall-konsiderazzjoni u l-verdett tal-Ġurija taċ-Ċittadini.

Din il-proposta tiġi eżeminata f'forma ta' djalettika, b'naħa targumenta favur il-qbil mal-Grupp tal-Ħidma fil-Parlament u naħa kontra. In-naħa kontra tkun informata bl-opinjonijiet kontra espressi mill-Grupp ta' Esperti u l-Grupp Rappreżentattiv tas-Soċjetà Ċivili u tingħata l-istess opportunità biex tippreżenta l-argument kontra quddiem il-Ġurija taċ-Ċittadini.

Il-Ġurija taċ-Ċittadini tinbidel ma' kull fażi ġdida tar-riforma u l-proposti ta' fażi partikolari li jkunu miċħuda minn Ġurija jistgħu jiġu preżentati mill-ġdid lil Ġurija oħra fi stadju ieħor.

Il-Ġurija taċ-Ċittadini taħtar president li jitħarreġ u jingħata ir-riżorsi biex il-ġurija tkun tista' teżerċita l-funzjonijiet tagħha mingħajr problemi. Dan il-president ikollu segretarjat permanenti biex jagħtih pariri u sabiex jikoopera mal-Ġurija taċ-Ċittadini tul l-eżistenza tagħha.

**Każ: L-Iżlanda**

L-importanza tas-sehem tal-pubbliku fir-riforma kostituzzjonali kienet murijai minn 'Assemblea Nazzjonali' li għaliha attendew 1,200 ruħ magħżula bl-addoċċ u li statistikament jirrappreżentaw il-popolazzjoni, flimkien ma' 300 ruħ oħra minn istituzzjonijiet varji. Dan kien jammonta għal 0.5% tal-popolazzjoni tal-Iżlanda.

L-Assemblea riedet tiġbor 'l-għerf tal-massa' biex tabbozza manifest li seta' jagħraf il-valuri bażiċi Iżlandiżi u viżjoni għall-futur. Dan l-avveniment ġie organizzat minn 'The Anthill', grupp privat li ngħata fondi pubbliċi. Il-gvern ipprova jaħdem id f'id mal-kampanja biex jibni fuq l-esperjenza ta' 'The Anthill'. Għaldaqstant, abbozz ta' liġi dwar l-Assemblea Kostituzzjonali ġie emendat sabiex jifforma 'Forum Nazzjonali' li jistudja l-prinċipji u l-prioritajiet tal-pubbliku qabel id-deċiżjonijiet tal-Assemblea.

Fil-għamla aħħarija, l-abbozz dwar Assemblea Kostituzzjonali ta l-idea ta' istituzzjoni kompatta u eletta popolarment, b'operat trasparenti u b'sens ċar ta' parteċipazzjoni pubblika.

**Każ: L-Irlanda**

Il-Konvenzjoni Kostituzzjonali nħolqot skont riżoluzzjoni approvata miż-żewġt ikmamar tal-Parlament Irlandiż f'Lulju 2012. Il-Konvenzjoni, għaldaqstant, ġiet awtorizzata tikkunsidra u tagħmel rakkomandazzjonijiet u tirrapporta lura lill-Parlament.

Il-100 membru tal-Konvenzjoni kienu jinkludu President, 66 ċittadin u 33 politiku elett. Barraminhekk, esperti ġew mistiedna bħala kelliema, konsulenti u medjaturi ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi u gruppi ta' interess u kellhom is-setgħa jagħmlu sottomissjonijiet bil-miktub. Is-66 ċittadin kienu magħżula bl-addoċċ [mir-reġistru elettorali] biex jirrappreżentaw l-Irlandiżi, minn kumpannija indipendenti li tagħmel l-istħarriġ pubbliku f'isem il-Gvern f'Lulju u Awwissu 2012, kif ġej:

- Il-kampjun kien minn total ta' 16-il reġjun wiesa' biex jiżgura għażla ġeografika ta' ċittadini miċ-ċentri prinċipali urbani u rurali tal-pajjiż kollu;
- Oltre dan, saru kwoti dettaljati għas-sess, stat soċjo-ekonomiku u xogħol;
- Is-16-il reġjun inqasmu f'Diviżjonijiet Elettorali Distrettwali maħsuba biex jirriflettu d-distribuzzjoni tal-poplu f'kull reġjun;
- L-intervistaturi marru fuq iċ-ċittadini f'dawn id-Diviżjonijiet, u bdew minn indirizz li jkun u komplew sakemm intlaħqet il-kwota;
- Jekk ċittadin xtaq jieħu sehem fil-Konvenzjoni, dan ingħata ktejjeb ta' informazzjoni li spjega x'inhi l-Konvenzjoni Kostituzzjonali, min kien se jieħu sehem fiha, kif kienet se taħdem u x'kien se jiġi diskuss.

Il-proċess tal-Konvenzjoni involva laqgħat ta' kull xahar li kien jdumu weekend u l-parteċipanti vvutaw għar-rakkomandazzjonijiet finali wara preżentazzjoni u diskussjoni. Dawn damu minn Diċembru 2012 sa Frar 2014 u kellhom ikopru tmien suġġetti imma tnejn oħra ntgħażlu mill-parteċipanti nfushom. Is-sessjonijiet plenari kien miftuħa għall-pubbliku u kien hemm *stream* dirett.

Il-proċess kien konsultattiv u mhux deċiżiv, iżda l-gvern kien obbligat iwieġeb għal kull rakkomandazzjoni fi żmien stipulat u kien marbut jagħmel dibattitu fil-parlament. Wara s-suċċess tal-Konvenzjoni, il-Parlament Irlandiż ressaq riżoluzzjoni oħra għat-tieni Assemblea taċ-Ċittadini biex tiddelibera fuq ħames temi oħra.

## V. Kumitat ta' Governanza tar-Riforma

Il-Kumitat ta' Governanza tar-Riforma għandu l-għan li jassigura li:

- Ikunu rispettati l-prinċipji tar-riforma;
- Ikun hemm djalogu u interazzjoni mingħajr xkiel bejn l-organi kollha tal-proċess ta' riforma;
- Jinżamm rekord u jingħata aċċess pubbliku għall-proċess u l-kontenut tiegħu;
- Ikun hemm ħarsien tal-opinjonijiet minoritarji u aċċess u riżorsi ugwali għal dawk li jkollhom fehma li ma tkunx qed taqbel;
- Issir l-għażla ta' dawk li jieħdu sehem fil-Forum tal-Esperti;
- Issir l-għażla tal-Grupp Ċentrali tal-Grupp Rappreżentattiv għas-Soċjetà Ċivili waqt li jagħti każ xieraq tax-xewqat tal-organizzazzjonijiet li jkunu qed jieħdu sehem.

Il-Kumitat ikun magħmul minn ħames persuni kif ġej:

1. Ombudsman irtirat;
2. Segretarju Permanenti irtirat;
3. Imħallef jew Maġistrat irtirat;
4. Persuna mgħażula b'votazzjoni mill-Grupp Ċentrali tal-Grupp Rappreżentattiv tas-Soċjetà Ċivili;
5. Chairperson.

Il-persuni 1, 2, 3 u 5 jintgħażlu bi qbil bejn il-Kapijiet tal-partiti fil-Parlament. Ma naraw ebda raġuni għalfejn il-persuna li tkun qed taħdem ta' Medjatur tal-Grupp ta' Ħidma Parlamentari m'għandiex ukoll tkun iċ-Chairperson tal-Kunmitat ta' Governanza tar-Riforma.

Fid-deċiżjonijiet tiegħu, l-aktar dwar l-għażla ta' dawk li jieħdu sehem fil-Grupp t'Esperti, il-Kumitat ta' Governanza tar-Riforma għandu jara li jkollu għajnuna internazzjonali speċjalizzata.

## 2. L-Istadju ta' Referendum

Kif spjegajna, jidhrilna li l-użu tar-referenda mhux għaqli u fil-fatt perikoluż jekk dan ikun xi proċess li jħallat kollox f'daqqa u jisforza pakkett ta' riformi bi proċess ta' mobilizzazzjoni tat-tixjir tal-bnadar biex iġiegħel lill-Parlamentari b'xi mod jew ieħor jobdu xi struzzjoni popolari li tkun ngħatat mingħajr l-informazzjoni u t-tħejjija meħtieġa.

Għalhekk jidhrilna li jekk qbil milħuq bejn il-partiti fil-Grupp ta' Ħidma Parlamentari fuq xi aspett tar-riforma ma jkunx approvat mill-Ġurija taċ-Ċittadini, il-partiti politiċi għandhom, qabel jikkonsidraw il-proposti fil-Parlament, jikkonsultaw lill-elettorat f'referendum b'dawn il-kriterji li ġejjin:

L-ewwel, referendum jissejjaħ fuq il-bażi ta' mistoqsija waħda; li l-mistoqsija tkun tali li t-tweġiba tagħha tkun iva jew le; u li l-mistoqsija tkun limitata għal tema waħdanija u koerenti f'fażi waħdanija tar-riforma. Nikkunsidraw għalhekk li hu possibbli li jsiru referenda differenti fi stadji differenti ta' riforma minflok jittieħed xi vot li jaqbad kollox f'daqqa.

It-tieni, li tingħata opportunità ugwali għall-preżentazzjoni lill-elettorat tal-argumenti favur u kontra l-approvazzjoni tar-riforma proposta. Dan hu sinifikattiv għax il-premessa ta' qabel bejn il-PL u l-PN tfisser li l-argument favur ir-riforma hu armat b'riżorsi ta' komunikazzjoni li ma jegħlibhom xejn. Waħdu dan jirriduċi r-referendum f'formalità populista. Hu għalhekk imperattiv

li jitħejjew regoli speċifiċi li jiggvernaw il-kampanji u li l-governanza tar-referendum tforni fondi pubbliċi lil min jargumenta kontra l-approvazzjoni tal-emendi.

It-tielet, li l-kwalifika ta' żewġ terzi tal-Kamra biex jgħaddu emendi Kostituzzjonali ma tiġix frustrata bi plebixxit li jiddeċiedi b'maġġoranza sempliċi tal-voti mitfugħa. Jidhrilna għalhekk li l-qbil li għandhom ifittxu l-partiti politiċi għandu jirbaħ rata minima ta' parteċipazzjoni ta' 60% ta' dawk bi dritt għall-vot u approvazzjoni ta' mill-anqas 60% tal-voti validi mitfugħa.

Materji li huma t'interess speċifiku lil Għawdex għandu wkoll ikollhom il-kunsens doppju f'Għawdex bl-istess livelli minimi meħtieġa mill-elettorat kollu.

Ir-raba', aħna tal-fehma li meta l-Grupp ta' Ħidma Parlamentari, il-Forum t'Esperti u l-Grupp Rappreżentattiv tas-Soċjetà Ċivili jkollhom qbil wiesgħa bejniethom fuq xi qasam tar-riforma u l-Ġurija taċ-Ċittadini tagħti verdett politikament konvinċenti, ma jkunx meħtieġ li jsir referendom qabel il-partiti politiċi jissottomettu l-Abbozz biex jitqies mill-Parlament.

**Każ: L-Awstralja**

Skond il-parir tal-Konvenzjoni Kostituzzjonali u dak provdut f'artiklu 129 tal-Kostituzzjoni Awstraljana, żewġ abbozzi ta' liġi ġew preżentati fil-Parlament Federali fl-10 ta' Ġunju 1999. L-Abbozz ta' Liġi dwar il-Bdil tal-Kostituzzjoni (Twaqqif ta' Repubblika) u l-Abbozz ta' Liġi dwar il-Kumitat għan-Nomini Presidenzjali riedu jġibu fis-seħħ il-mudell repubblikan li ħejjiet il-Konvenzjoni Kostituzzjonali. Iż-żewġ proposti biex tinbidel il-Kostituzzjoni kien rifjutati mill-pubbliku Awstraljan.

Raġuni minnhom għalfejn il-pubbliku m'approvax it-tibdil fir-referendum kienet li "kienet qed tiżdied il-perċezzjoni fost ħafna Awstraljani li l-proċess kollu ta' riforma kostituzzjonali kien dominat mill-politiċi li kienu qed jeskludu l-opinjonijiet u l-aspirazzjonijiet tal-komunità'". Dan deher l-aktar fid-deċiżjoni tardiva li jissejjaħ referendum dwar id-daħla tal-Kostituzzjoni. Il-proposta għad-daħla ma kellha ebda konsultazzjoni pubblika jew parlamentari dettaljata u minflok 'inbidlet biex takkomoda ftehim bejn il-Gvern u d-Demokratiċi, li kellhom f'idejhom iċ-ċavetta għall-bilanċ tal-poter fis-Senat, u mbagħad għaddiet malajr malajr mill-Parlament."

Din l-aljenazzjoni bejn il-politiċi u l-pubbliku turi l-bżonn li jkun hemm aktar edukazzjoni pubblika dwar riforma kostituzzjonali.

# 3. Approvazzjoni mill-Parlament

Naturalment il-Kostittuzzjoni diġa' tirregola kif il-Parlament jadotta emendi għaliha.

Nargumentaw iżda li meta l-Kostituzzjoni teżiġi il-qbil ta' żewġ terzi ta' Membri tal-Kostituzzjoni biex tkun tista' tinbidel, il-Kostituzzjoni tippretendi li ma jkunux biżżejjed il-metodi normali ta' dixxiplina partitika u l-mobilizzazzjoni skond il-linja tal-partit.

Dan hu aktar - mhux anqas - ovvju meta jkun hemm delegazzjonijiet li qed jaġixxu f'isem il-partiti Parlamentari biex ifittxu u jsibu qbil barra l-Kamra.

Hi għalhekk il-fehma tagħna li l-partiti politiċi għandhom jintrabtu li ma jeżerċitawx il-whip fuq il-Membri tal-Parlament u jtuhom vot ħieles fuq materji li jeħtieġu żewġ-terzi tal-Kamra. Għandhom iħallu lid-Deputati jitkellmu u jivvutaw skond il-kuxjenza u x'inhu l-ftehim li jkun sar fil-Grupp ta' Ħidma Parlamentari jew fil-proċessi l-oħra ta' djalogu, inkluż ir-referenda.

**Każ: Il-Belġju**

Il-mezzi tax-xandir Belġjani huma maqsumin bejn dawk li jużaw l-ilsien Olandiż u dawk bil-Franċiż, u r-rappurtaġġ tagħhom jirrifletti l-interessi tal-komunitajiet lingwistiċi. Ir-riforma kostituzzjoni tal-1993 kienet eżempju ta' dan. L-informazzjoni li l-politiċi taw fuq il-midja kienet adattata għall-mezz li jkun qed jirrapporta u allura r-rappurtaġġ varja. Il-mezzi Fjammingi ma tawx importanza lill-opinjonijiet kontra l-firda fil-Vallonja, waqt li l-gazzetti Valloni kellhom it-tendenza jirrappurtaw bi prominenza eżaġerata s-sejħa għall-indipendenza Fjamminga. Ir-rapporti kienu jirriflettu attitudnijiet issiġġillati minn qabel. Per eżempju meta l-accords de la Saint-Michel għall-ewwel intlaqgħu b'mod pożittiv mill-istampa Fjamminga, uħud argumentaw li l-accords kienu jivvantaġġaw lill-Fjammingi.

Stħarriġ tal-opinjonijiet urew li l-maġġoranza tal-pubbliku kienet favur li jsir referendum. Sobemap - aġenzija ta' stħarriġ - sabet fi Frar 1993, li l-maġġoranzi favur din il-miżura kienu Fjandra (60%), Vallonja (65%) u Brussell (70%). Bil-maqlub, ftit wieġbu li kellhom apprezzament tajjeb jew tajjeb ħafna ta' dak li kien fihom l-accords. Minoranza kbira anqas biss semgħet bihom. Kien hemm għalhekk Interess qawwi fil-proċess ta' riforma kostituzzjonali, iżda l-interess ma kienx infurmat tajjeb.

Jista' jingħad li l-klassi politika sfruttat dan in-nuqqas ta' fehim. Il-kamp favur ir-riforma kien sensittiv għan-natura kontroversjali tal-kwistjoni u ma ridux li jeċitaw wisq l-opinjoni pubblika, waqt li l-oppożizzjoni Liberali ppruvat taġita u tantagonizza. Minħabba f'dan, dak li ġara fl-1993 saħħaħ l-impressjoni ġenerali li l-Belġju hu ggvernat minn sistema partitika magħluqa u li d-deċiżjonijiet huma skjavi ta' manuvri politiċi moħbija u li kif qal f'dibattitu televiżiv il-Prim Ministru stess għalkemm xi affarijiet jingħadu fil-beraħ, affarijiet oħrajn ikunu miftehma fil-magħluq. Irriżultat fiergħa t-tama li l-proċess ta' riforma jerġa' jagħti lill-Parlament xi ftit mill-prestiġju li kien tilef.

F'Ness A qed nagħtu rappreżentazzjoni grafika simplifikata ta' kif tiġi diskussa u deċiża proposta ipotetika li għall-iskop tal-eżempju qed tissejjaħ 'Riforma A'.

Din il-grafika hi bil-fors simplifikazzjoni ta' proċess kumpless u għalhekk m'għandhiex titqies li trid b'xi mod tkun eżawrjenti. Wieħed jassumi li hemm numru ta' passi li jimxu flimkien u li l-proċess kollu jkollu s-superviżjoni tal-organi responsabbli fl-istadji kollha.

# 4. Rakkomandazzjonijiet dwar l-involviment tal-komunità

Il-proċess ta' riforma tal-Kostituzzjoni hu tassew opportunità li ġġib 'il quddiem iċ-ċittadinanza attiva u tassigura li l-proċess ta' riforma mhux biss jelimina xi difetti li jista' jkun hemm fil-ħsieb kostituzzjonali, iżda wkoll tindirizza l-problema ta' defiċit kulturali li jirrigwarda n-nuqqas ta' għarfien, interess u parteċipazzjoni fil-komunità ċivili tal-pajjiż.

Anki jekk wieħed iqis il-possibiltà li l-proċess ta' riforma ma jwassalx għal ebda emenda, is-serje ta' dibattiti, l-opinjoni tal-esperti u l-involviment tal-komunità, jista' jwasslu għal riżultati ta' fejda billi jkollna ċittadini iktar attivi u responsabbli u b'hekk demokrazija aktar rilevanti għal żminijietna.

Għal dan il-għan qed nirrikmandaw li:

a. Is-smigħ tal-korpi kostitwiti kollha involuti fil-proċess ta' riforma jkun streamed online, il-pubbliku jkollu aċċess għad-dokumentazzjoni, u f'kull stadju jkun hemm il-possibiltà ta' petizzjoni, fuq pjan individwali u kollettiv, bil-ħsieb li kulħadd ikun jista' jikkontribwixxi;
b. Ikun hemm allokazzjoni ta' riżorsi bil-għan li jiġu ipprovduti taħriġ, opinjonijiet ta' esperti u sapport lill-midja indipendenti, sabiex jkollha l-għodda li biha tagħmel monitoraġġ, tirraporta u tevalwa kritikament il-proċess ta' riforma fl-istadji kollha tiegħu. Dan għandu jinkludi wkoll li organizzazzjonijiet fil-kamp tal-midja jkollhom finanzjamenti li bihom jistgħu, kif jidrilhom l-aħjar, jimpjegaw magħhom ġurnalisti bil-kompetenzi neċessarji biex iżommu l-pubbliku aġġornat dwar il-proċess kollu;
c. Ikun hemm programm li jħarreġ lil dawk li 'l quddiem iħarrġu lil ħaddieħor biex jinħoloq tim imparzjali li jipprovdi informazzjoni u li jagħti saħħa lill-komunitajiet lokali u lill-organizzazzjonijiet iżgħar, bi rwol ukoll fuq il-midja;
d. Il-proċess ta' involviment pubbliku m'għandux jiġi ikkontrollat mill-Kumitat tal-Ħidma Parlamentari, iżda għandu jiġi amministrat minn Core Group tal-Grupp Rappreżentattiv tas-Soċjetà Ċivili, taħt id-direzzjoni wiesgħa tal-Kumitat għall-Amministrazzjoni tar-Riforma. Il-baġit u l-finanzjament tiegħu għandhom jiġu amministrati b'mod separat u indipendenti mill-Eżekutttiv.

**Każ: L-Afrika t'Isfel**

Wara li organizza x-xogħol tiegħu bil-ħolqien ta' kumitati tematiċi – li kull wieħed minnhom kellu l-għan li joħloq abbozz ta' kapitlu tal-kostituzzjoni tal-futur – u kumitat koordinattiv, l-NCA li kienet kif ġiet eletta, iddeċidiet li tinvolvi lill-pubbliku fil-proċess tal-ħolqien tal-kostituzzjoni. Nidiet kampanja wiesgħa ta' edukazzjoni ċivika biex tissensibilizza lis-Sud Afrikani dwar il-proċess. L-għan prinċipali ta' din l-inizjattiva kien li tipprovdi lill-pubbliku għarfien fundamentali dwar il-kostituzzjoni sabiex tgħinu jipparteċipa b'mod effettiv fil-proċess tar-riforma. Saru laqgħat informattivi u workshops mal-pajjiż kollu biex jinfurmaw lis-Sud Afrikani dwar 1) l-għan u l-proċess tat-tfassil ta' kostituzzjoni, 2) id-dritt tagħhom li jieħdu sehem, u 3) il-potenzjal li għandha l-kostituzzjoni fl-għarfien u l-ħarsien tad-drittijiet tal-poplu. Sabiex jinkludi nies illitterati f'dan il-proċess, il-gvern uża cartoons,

comics u ktejjeb bil-grafika. Kien ikkalkulat minn stħarriġ indipendenti li l-kampanja ta' edukazzjoni ċivika laħqet 73% tas-Sud Afrikani adulti kollha.

Matul il-ħolqien tal-abbozz tal-kostituzzjoni, l-NCA ħadmet biex il-proċess ikun kemm jista' jkun trasparenti, billi ipprovdiet aġġornamenti ta' kuljum permezz ta' policy ta' komunikazzjoni maħsuba tajjeb. Kull ħmistax, l-Assemblea Kostitwenti ippubblikat 160,000 kopja ta' newsletter ta' tmien faċċati, b'sunt tad-dibattiti l-aktar reċenti u tal-punti fuq l-aġenda. Barra minhekk, l-NCA xandret serje ta' talk shows li iffukaw fuq il-proċess tar-riforma kostituzzjonali tul it-tħejjija tal-abbozz. L-NCA ipprovdiet ukoll informazzjoni kontinwa lill-pubbliku permezz tal-programm tagħha fuq ir-radju, li xxandar fit-tmien lingwi differenti fuq l-istazzjonijiet tar-radju nazzjonali u lokali.

Barra dawn l-isforzi biex tasal għat-trasparenza u l-informazzjoni, l-NCA ħolqot diversi għodda interattivi bil-għan li tagħti lill-gruppi tas-soċjetà ċivili, kif ukolll lill-pubbliku in ġenerali l-possibiltà li jagħmlu proposti u jsemmgħu leħinhom. L-NCA ħolqot dawn l-għodda fi tlitt stadji.  L-ewwel fażi ta' komunikazzjoni diretta bdiet f'Jannar 1994, meta l-kumitati tematiċi tal-NCA talbu lill-pubbliku jissottometti suġġerimenti bil-għan li titħejja lista kollettiva ta' xewqat. Biex tagħmel aktar faċli l-ewwel fażi ta' konsultazzjoni pubblika, membri tal-NCA għamlu laqgħat pubbliċi fil-kostitwenzi tagħhom biex jippreżentaw il-ħidma tagħhom u jagħtu rendikont tal-progress milħuq fil-proċess tal-kitba tal-abbozz.  Dawn il-laqgħat taw lin-nies l-opportunità li jagħmlu mistoqsijiet, kummenti u jesprimu l-tħassib tagħhom, kif ukoll jagħmlu proposti. Il-membri tal-Assemblea Kostitwenti u organizzazzjonijiet tas-socjetà ċivili b'esperjenza għamlu laqgħat huma wkoll biex jiġu diskussi aspetti tekniċi.

It-tieni fażi ta' interazzjoni diretta seħħet wara li ġie finalizzat l-ewwel abbozz tal-kostituzzjoni f'Settembru 1995. L-NCA ippubblikat 5 miljun kopja ta' dan l-abbozz u talbet lin-nies u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jissottomettu bil-kitba kummenti u proposti dwar l-abbozz. L-NCA irċeviet aktar minn 250,000 suġġeriment. L-NCA iddiskutiet il-proposti u daħħlet numru minnhom fl-abbozz tal-kostituzzjoni.

It-tielet fażi kienet dik wara li ġiet adottata l-kostituzzjoni l-ġdida (bl-appoġġ ta' 85% tal-NCA) u wara li daħlet fis-seħħ f'Marzu 1997. Fil-"Ġimgħa tal-Kostituzzjoni Nazzjonali" li nżammet wara, l-NCA qassmet miljuni ta' kopji tal-kostituzzjoni madwar il-pajjiż kollu, fil-11-il lingwa uffiċjali tiegħu.

**Każ: L-Awstralja**

In-National Human Rights Consultation (NHCC)(2008-2009) kellha l-għan li "tfittex l-opinjonijiet u l-esperjenzi ta' medda l-aktar wiesgħa possibbli ta' membri tal-komunità li għandhom għal qalbhom id-drittijiet tal-bniedem – il-pubbliku in ġenerali, kif ukoll il-gruppi l-aktar vulnerabbli u dawk emarġinati". Dwar dan l-aspett, "kienet partikolarment interessata li tisma' mill-indiġeni Awstraljani, dawk bla saqaf fuq rashom, persuni bi bżonnijiet speċjali, persuni b'mard mentali, refuġjati, migranti ġodda, ħabsin, u individwi u organizzazzjonijiet involuti fil-protezzjoni u promozzjoni tad-drittijiet". Il-Kumitat fittex ukoll li jsir jaf l-opinjonijiet ta' "avukati, akkademici, membri tal-Parlament, imħallfin, impjegati anzjani taċ-ċivil u pulizija anzjani".

Il-Kumitat uża diversi metodi ta' involviment pubbliku:

1. Sottomissjonijiet bil-miktub
2. Dibattiti fil-komunità
3. Website għall-konsultazzjoni u paġni ta' Facebook
4. Forum online
5. Laqgħat oħra
6. Smigħ pubbliku
7. Stħarriġ bit-telefon u ricerka ta' gruppi mwaqqfa apposta
8. Konsultazzjoni b'delega bil-għan li titfa' dawl fuq esperjenzi ta' gruppi vulnerabbli u emarġinati. Ħidma flimkien mal-NGOs li jaħdmu favur il-persuni bla saqaf fuq rashom, dawk b'mard mentali u bi bżonnijiet speċjali, refuġjati li m'ilhomx li waslu u nies li ħarġu mill-ħabs, ex ħabsin, anzjani u nies b'dipendenzi.
9. Analiżijiet soċjali u ekonomiċi ta' natura cost-benefit
10. Parir tal-Avukat Ġenerali
11. Diskussjoni aktar wiesgħa fil-komunità.

# 5. Qafas Leġislattiv

Ir-rakkomandazzjonijiet tagħna jeħtieġu li l-partiti politiċi jeżerċitaw kontroll fuqhom infushom u m'għandhomx jħossu li hi prerogativa tagħhom biss jilleġislaw bdil fil-Kostituzzjoni anki meta l-kunsens tagħhom ikun biżżejjed skont dak li hu mitlub bil-liġi li tirregola kull bdil.

Dan kollu jitlob mill-partiti politiċi impenn politiku li jeżerċitaw kontroll fuqhom infushom kif ukoll il-wegħda li ma jużawx il-poteri tagħhom biex jagħtu, kif iridu huma, direzzjoni lill-proċess tal-bidla. Dan biex jitneħħa kull suspett li qegħdin ifittxu li jiddefendu u jassikuraw il-futur tal-poteri tagħhom, minflok jaħdmu biex isaħħu s-sostenibbiltà tal-qafas demokratiku tal-pajjiż.

Il-partiti politiċi huma minnhom infushom struttura qawwija ta' impenn komunitarju, li tħaddan fiha nies b'kuxjenza pubblika, ġejjien minn kull qasam tal-ħajja u minn kull parti tal-pajjiż. Ninnutaw li ftit li xejn hemm evidenza li l-partiti politiċi bdew fi ħdanhom xi tip ta' diskussjoni mal-għeruq biex b'hekk ikun hemm proċess minn isfel għal fuq li jiggarantixxi parteċipazzjoni l-aktar wiesgħa.

Għalhekk qed inħeġġu lill-partiti politiċi biex jibdew dibattiti interni fi ħdan l-organi tagħhom, billi jinvolvu l-akbar numru possibbli tal-membri tagħhom sabiex jinġabru opinjonijiet, magħġuna minn snin ta' esperjenza fil-qasam tal-attiviżmu demokratiku, u li jistgħu jwasslu għall-bidliet.

Xi wħud minn dawn il-proċeduri se jitfgħu dawl fuq nuqqasijiet fis-sistema kostituzzjonali preżenti, anki qabel ma jkun hemm dibattitu konkret fuqhom.

Bħala eżempju, hu ferm diskuttibbli l-mod kif tiġi iffurmata l-Awtorità tax-Xandir, kif provdut mill-Kostituzzjoni, billi jkunu ż-żewġ naħat tal-Parlament li jinnominaw il-membri, u għalhekk din hi materja li għandha tiġi riformata f'fażi speċifika tar-riforma kostituzzjonali. L-istess jgħodd għall-mod kif tiġi komposta l-Kummissjoni Elettorali.

Hu ċar li, għall-għan li tiġi regolata kampanja referendarja jew vot f'referendum dwar mistoqsija li fuqha ż-żewġ partiti politiċi jkunu fuq naħa waħda u fuq in-naħa l-oħra jkollok organizzazzjonijiet li llum m'għandhomx l-ebda vuċi fl-għażla tal-membri tal-Awtorità tax-Xandir u tal-Kummissjoni Elettorali, il-mudell istituzzjonali hu kompletament inadegwat.

Għal din ir-raġuni, jeħtieġ li jibda mal-ewwel dibattitu ċar u fil-fond dwar il-governanza tal-proċess tar-riforma, bil-ħsieb li tiġi adottata immedjatament leġislazzjoni, u l-possibbiltà li jiġu inkluzi emendi fi-Kostituzzjoni li jirregolaw b'mod sew u ġust il-proċess tar-riforma aktar permanenti.

Repubblika qed tintrabat li tieħu sehem, bl-aktar mod wiesgħa, fid-diskussjoni fuq dan it-tfassil ta' qafas bl-ispirtu tal-Prinċipji spjegati f'dan id-dokument.

M'għandna l-ebda dubju f'moħħna li bil-kontrol tal-kanali kollha tat-televiżjoni u l-influwenza sproporzjonata fuq il-midja kollha l-oħra, u bi kwantità ta' risorżi li għandhom f'idejhom, il-partiti politiċi jistgħu jiddominaw kampanja favur l-"iva" b'mod li ma jkunx possibbli, bl-ebda mod, li l-argument alternattiv jasal kif suppost u jinftiehem.

Regolament indipendenti li jiggarantixxi aċċess proporzjonat għall-midja, inkluża dik tal-partiti politiċi, u b'fondi mogħtija mill-Istat lill-NGOs għall-kampanja tagħhom favur il-"le" huma indispensabbli jekk dan il-proċess irid jiġi meqjus bħala demokratikament kredibbli.

Ma nistgħux ma nisħqux fuq l-opinjoni tagħna li jekk ma jintlaħaqx ftehim wiesgħa dwar il-proċess tal-bidla, dan jista' jwassal għal xi forma ta' bidla li tirriżulta mhux mixtieqa u kontro-produttiva. Nittamaw li f'dan il-mument ħadd ma jrid li issir il-bidla sempliċement biex tkun saret, iżda għaliex teżisti xewqa minn ħafna setturi li hemm bżonn ta' titjieb fl-esperjenza demokratika u kostituzzjonali tal-pajjiż.

Nixtiequ wkoll nagħmlu rakkomandazzjonijiet fil-kuntest tal-opinjoni tagħna li minkejja r-rieda tajba kollha li esprimew il-partiti politiċi, aħna mħassbin ħafna peress illi fil-pożizzjoni tagħhom urew ħafna drabi nuqqasijiet fl-obbligi u l-aġir tagħhom. Il-konsenus ta' bejnithom fih innifsu mhux xejn ta' serħan il-moħħ.

Bi spirtu pożittiv u b'rieda tajba, Repubblika ma tixtieqx tesprimi ostilità lejn ir-riformi kostituzzjonali, sempliċement minħabba nuqqas ta' fiduċja fl-atturi politiċi involuti. Iżda aħna nħossu li hu dover tagħna, bħala membri attivi tas-soċjetà ċivili u li lesti li nsemmgħu leħinna, li jittieħdu miżuri ġusti ta' salvagwardja li fil-fehma tagħna jistgħu jnaqqsu r-riskji li qegħdin tant iħassbuna.

Repubblika tisħaq fuq id-dispożizzjoni tagħha biex tipprovdi aktar informazzjoni li tista' tkun meħtieġa biex insaħħu dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

**Każ: New Zealand**

Għalkemm New Zealand għandha storja li tagħmel mistoqsijiet ta' natura kostituzzjonali permess ta' referenda, kemm ir-referendum tal-1992 kif ukoll dak tal-1993 saru skont leġisazzjoni b'għaniet parteċipattivi. Il-pubbiku seta' jagħmel sottomissjonijiet fuq iż-żewġ partijiet tal-leġislazzjoni.

Referendum kien meħtieġ legalment biex tigi adottata s-sistema proporzjonali minħabba li ċerti sezzjonijiet tal-Att Elettorali tal-1956 kienu parti minnu u ma setgħux jinbidlu mingħajr ma jiġu approvati b'maġġoranza sempliċi b'vot referendarju jew b'maġġoranza ta' 75%tal-membri parlamentari.

L-Electoral Referendum Act tal-1981 kien jipprovdi kif isir referendum, il-forma tal-vot, l-ordni kif għandhom jidhru l-opzjonijiet, il-ħatra ta' għassiesa u d-dikjarazzjoni tar-riżultat. Ma ġewx imposti limiti fuq l-infiq għall-promozzjoni tal-ħames sistemi elettorali li kienu qed jiġu proposti, għalkemm ir-riklami u l-materjal informattiv kellhom ikunu bl-isem u l-indirizz tal-promotur.

Il-gvern waqqaf ukoll grupp indipendenti magħruf bħala l-Electoral Referendum Panel immexxi mill-Ombudsman prinċipali biex jipprovdi lill-pubbliku b'informazzjoni dwar l-4 alternattivi għall-FPP. Ix-xogħol ta' dan il-grupp kien ostakolat minħabba nuqqas ta' kjarezza fuq kif l-opzjonijiet mhux MMP kienu se jaħdmu fil-prattika.

Wara l-vot għall-bidla, il-Parlament reġa daħħal leġislazzjoni b'għaniet parteċipattivi għat-tieni referendum definittiv. L-Electoral Referendum Act tal-1993 ukoll ipprovda kiif għandu jsir referendum, il-forma tal-vot, id-dikjarazzjoni tar-riżultat u nuqqasijiet oħra elettorali.

L-esperjenza ta' New Zealand ta' riforma elettorali hi rilevanti għal mod seren kif il-possibbiltà ta' bidla ġiet investigata, magħrufa u, ippreżentata u ivvutata mill-pubbliku in ġenerali.

Dak li għamel partikolarment rilevanti s-suċċess tar-riforma elettorali kien il-mod kif l-atturi politiċi baqgħu lura mill-proċess tar-riforma, bla dubju għaliex huma kienu fil-qalba dwar il-ħtieġa tal-bidla. Il-gvern ma influwenzax ir-rakkomandazzjonijiet

tal-Kummissjoni u l-anqas ma ipprova jinfluwenza (minbarra xi kummenti ta' membri parlamentari individwali) d-dibattitu pubbliku dwar l-opzjonijiet tar-riforma.

Minbarra dan, l-adozzjoni ta' prinċipji ċari li jservu ta' gwida fl-assessjar tas-sistemi elettorali magħmula mir-Royal Commission, flimkien mal-għarfien tal-istorja politika, soċjali u kostituzzjonali ta' New Zealand, kienu jfissru li r-rappport ma setgħax ma jiġix aċċettat. L-involviment tan-nies, kemm bħala stedina tal-Kummissjoni biex in-nies jissottomettu opinjonijiet, kif ukoll il-mod li bih il-Kummissjoni kienet dejjem disposta biex tisma' opinjonijiet tan-nies ta' New Zealand, wassal, fil-fehma tagħna, għas-suċċess tar-rapport u tar-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

# Ness A



ANNEX A:
How reform proposal 'A' might pass through the reform process
PROGRAMME FOR COMMUNITY ENGAGEMENT & CIVIC EDUCATION
CREATE SOUND POLITICAL BASIS FOR REFORMS VIA INTER-PARTY DIALOGUE LEADING TO COMPREHENSIVE PLAN, BUDGET & TIMELINE (PROPOSED REFORM BROKEN DOWN AND PRIORITISED FOR DRAFTING)
REFORM 'A' DISCUSSION
PARLIAMENTARY WORKING GROUP
EXPERTS FORUM
CIVIL SOCIETY REPRESENTATIVE GROUP
CITIZEN JURY
REFERENDUM
PARLIAMENT
IMPLEMENTATION INTO SUBSIDIARY LAW, INSTITUTIONAL SET UP, POLICY MAKING AND BUDGETARY ALLOCATION
FAIL
FAIL
FAIL
PASS
PASS
PASS
PREPARATION & PLANNING
DRAFTING
POPULAR PARTICIPATION
ADOPTION
IMPLEMENTATION

# Ness B

## Organizzazzjonijiet eżistenti fil-MEUSAC

- 2 Wheels Foundation Malta
- Action Group Against Bullying
- Active Youth
- ADHD Family Support Malta
- Aditus
- AEGEE-Valletta
- African Media Association Malta
- Agara Foundation
- Alive Charity Foundation
- Allied Rainbow Communities
- ALS Malta
- Alternattiva Demokratika
- AMACS
- Animal Protectors Malta 1208
- Anti-Poverty Forum Malta
- Are You Active (AYA) Malta
- Arka Foundation
- Art Club 2000
- Arthritis and Rheumatism Association Malta (ARAM)
- Association des Professeurs de Francais de Malte (APFM)
- Association for Consumer Rights Malta
- Association of Anaesthesiologists of Malta
- Association of Maltese Arms Collectors and Target Shooters
- Association of Lyceum Past Students (ALPS)
- Association of Reality Therapy – Malta
- Association of Speech Language Pathologists
- Association of Students of Commercial Studies
- Association for Abandoned Animals
- Assoċjazzjoni Sportiva Hibernians
- Assoċjazzjoni tal-Bdiewa
- Assoċjazzjoni tas-Sidien tal-Caravans u Bungalows
- Athleta Basketball Nursery
- Balluta Residents Association
- Biological Conservation Research Foundation
- BirdLife Malta
- Birkirkara Volleyball Club (BKVC)
- Birżebbuġa Windmill Football Club Nursery
- BLITZ
- Breeds of Origin
- Calypso Sub-Aqua Club
- Chamber of Advocates
- Chamber of Engineers
- Circolo San Giuseppe Filarmonika Sagra Familja
- Civil Assistance Training Organisation (CATO)
- Confederation of Malta Trade Unions
- Coordinating Committee of the Russian Compatriots
- Dar Ġużeppa Debono

- Dar Ġużeppa Debono Association
- Dental Association of Malta
- Din l-Art Ħelwa
- Don Bosco Oratory
- Down's Syndrome Association
- Dr Clown
- Drachma
- Emergency Fire and Rescue Unit
- Emergency Response and Rescue Corps
- Enemalta Professional Officers Union
- Equal Partners Foundation
- Europa Donna Malta – Breast Cancer Support Group
- European Auxiliary Police Association
- Federated Association of Travel and Tourism Agents
- Federation of Malta Hotels, Pensions and Catering Establishments
- Federazzjoni Kaċċaturi, Nassaba, Konservazzjonisti
- Filipino Community in Malta
- Filmed in Malta
- Fondazzjoni Belt Victoria
- Fondazzjoni Fortunato u Enrico Mizzi
- Fondazzjoni Santa Ċeċilja A.D. 2013
- Forum of Residential Service Providers to Persons with Disability
- Foster Foundation
- Foundation for Shelter and Support to Migrants
- Fratellanza ta' San Ġużepp
- Friends of the Sick and the Elderly in Gozo
- Gaulitanus Choir
- General Workers' Union
- General Workers' Union Youth
- Genista Research Foundation
- General Retailers and Traders Union
- Geriatric Medicine Society of Malta
- Għaqda Armar Xewkija
- Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria Żurrieq
- Għaqda Każini tal-Banda
- Għaqda Banda Żejtun
- Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni – Ħamrun
- Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri Qormi
- Għaqda Mużikali San Leonardu
- Għaqda Mużikali Sant'Andrija
- Għaqda Mużikali Sant'Elena
- Għaqda Mużikali Santa Marija Dingli; AD 1985
- Għaqda Studenti tal-Liġi
- Għaqda tal-Konsumaturi
- Gozo Business Chamber
- Gozo Live
- Gozo NGOs Association
- Gozo Tourism Association
- Gozo University Group
- Gozo Youth Football Association
- Greenhouse
- GS1 Malta
- Hair and Beauty Federation
- Happy Paws Charity Organisation
- Ħbieb tal-Aġenzija Sapport
- Hooked on Fishing Club Malta
- Imperial Band Club

- Inħobbu l-Munxar u x-Xlendi
- Inservi Foundation
- Insite – The Student Media Organisation
- Inspire
- Institute for the Research and Improvement of Social Sciences
- Integra Foundation
- Intelligent Transport Systems Malta
- Jesuit Refugee Services
- Jubilate Deo Choir
- Junior Chamber International (Malta)
- Kaċċaturi San Ubertu
- Kalkara Football Club and YN
- Kamra tal-Ispiżjara
- Kamra tal-Periti
- Karl Vella Foundation
- Każin Santa Liena Banda Duke of Connaught's Own
- Koperattivi Malta
- KOPIN – Koperazzjoni Internazzjonali Malta
- Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani
- Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ
- Kunsill Studenti Universitarji
- Legio X Fretensis
- Lift Us Up
- Local Councils' Association
- Maleth Sinfonia Keyboard Orchestra
- Malta Amateur Radio League
- Malta Association for Contemporary Music
- Malta Association for the Councelling Profession
- Malta Association of Family Enterprises
- Malta Association of Hospitality Executives
- Malta Association of Occupational Therapists
- Malta Association of Parents of State School Students
- Malta Association of Physiotherapists
- Malta Association of Professional Conservator-Restorers
- Malta Association of Public Health Medicine
- Malta Basketball Association
- Malta Boxing Federation
- Malta Chamber of Pharmacists
- Malta Chamber of Psychologists
- Malta Chamber of Scientists
- Malta Chiropractic Association
- Malta Confederation of Women's Organisations
- Malta Dental Technologists Association
- Malta Developers Association
- Malta Exercise Health and Fitness Association
- Malta Federation of Organisations for Persons with Disability
- Malta Federation of Professional Associations
- Malta Food Bank Foundation
- Malta Football Association
- Malta Football Players Association
- Malta Gay Rights Movement
- Malta Girl Guides Association
- Malta Health Network
- Malta Historical Society
- Malta Hospice Movement
- Malta Hotels and Restaurants Association
- Malta Institute of Accountants

- Malta Institute of Management
- Malta Institute of Professional Photography
- Malta Interior Design Association
- Malta Karate Federation
- Malta Library and Information Association
- Malta Maritime Law Association
- Malta Memorial District Nursing Association
- Malta Midwives’ Association
- Malta Model Aircraft Flying Association
- Malta Motorsport Federation
- Malta Organic Agriculture Movement
- Malta Personal and Social Development Association
- Malta Photographic Society
- Malta Police Association
- Malta Psychological Association
- Malta Sail Training Association
- Malta Society of the Blind
- Malta Tourism Society
- Malta UNESCO Youth Association
- Malta Union of Bank Employees
- Malta Union of Midwives and Nurses
- Malta Union of Professional Psychologists
- Malta Union of Teachers
- Malta Veterinary Association
- Malta Vocational Centre
- Malta Youth in Agriculture Foundation
- Maltese Association of Social Workers
- Maltese Association of Youth Workers
- Maltese Islands Agri Federation
- Maltese Psychological Association
- Maltin fil-Belgju
- Mdina Knights FC
- Medical Association of Malta
- Mediterranean Institute of Innovation, Communications and Technology
- Mental Health Association Gozo
- Mental Health Association Malta
- Migrant Offshore Aid Station
- Migrants’ Network for Equality
- Missio Malta
- Moroccan Community in Malta
- Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni
- Mtarfa Drama Group
- Munxar Falcons F.C.
- National Association of Pensioners
- National Cat Society
- National Council of Women
- National Foster Care Association, Malta
- Nature Trust
- No Pain Foundation
- OASI Foundation
- Original Malta
- Partit Laburista
- Partit Nazzjonalista
- Passi & Beyond
- Paulo Freire Institute
- Pembroke Athleta Athletics and Triathlon
- Pembroke Athleta Sports Club

- Pharos
- Philosophy Sharing Malta
- Platform of Human Rights Organisations
- Pope John XXIII Peace Laboratory
- PRISMS
- Rehabilitation in Society
- Relationships are Forever Foundation
- Richmond Foundation
- Ronald McDonald House Charities Foundation Malta
- Science Students' Society
- Serbian Information and Culture Centre "Euro-Serbia Malta"
- Sharon Sapienza Foundation
- Society of Medical Radiographers
- Soċjeta' Filarmonika La Vittoria
- Soċjeta' Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan A.D. 1862
- Soċjeta' Filarmonika Mnarja
- Soċjeta' Filarmonika San Bartilmew
- Soċjeta' Filarmonika Santa Marija
- Soċjeta' Mużikali San Lawrenz, Belt Vittoriosa
- Solidarjetà u Koperazzjoni
- Soroptimist International of Malta
- SOS Malta
- South Europe Youth Forum Malta
- Special Olympics Malta
- St Jeanne Antide Foundation
- St John Rescue Corps
- Studenti Demokristjani Maltin
- Sustainable Built Environment Malta
- Swieqi United Football Club
- Teatru Salesjan
- Terra Di Mezzo (TDM) 2000 – Malta
- TerraFirma Collective
- Tgħanniqa
- The English Speaking Union
- The People for Change Foundation
- The Scout Association of Malta
- The Storm Petrel Foundation
- UĦM Voice of the Workers
- Vittoriosa Historical and Cultural Society
- Why Not?
- Wirt Għawdex
- Wirt iż-Żejtun
- Women's Federation for World Peace Malta
- Write Deal Association
- Young and Free Malta
- Youth for the Environment
- Żebbuġ Heritage Foundation
- Żminijietna – Leħen ix-Xellug

# Organizzazzjonijiet rappreżentati fil-Core Group tal-MEUSAC

Il-Gvern
Is-Servizz Pubbliku
Il-Parlament

Il-Partit Laburista
Il-Partit Nazzjonalista
Il-Confederation of Malta Trade Unions
Il-Forum Unions Maltin
Il-General Retailers and Traders Union
Il-General Workers' Union
Il-Malta Chamber of Commerce, Enterprise and Industry
Il-Malta Employers' Association
Il-Malta Hotels & Restaurant Association
UĦM Voice of the Workers
Il-Malta Council for Economic and Social Development
Il-Kumitat Reġjonali għal Għawdex
Id-Delegazzjoni Maltija fil-Kumitat Ewropew Ekonomiku u Soċjali
Rappreżentanti eletti mill-organizzazzjonijiet fis-soċjeta' ċivili
Id-delegazzjoni Maltija fil-Kumitat tar-Reġjuni